Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-13 ta’ Ottubru 2011 [1]

**Kawża C-43/10**

**Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias et**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Symvoulio tis Epikrateias [il-Greċja])

“Ħarsien tal-ambjent — Direttiva 2000/60/KE — Politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ilma — Devjazzjoni ta’ xmara — Kunċett ta’ terminu biex jiġu stabbiliti pjanijiet ta’ ġestjoni għal distrett ta’ baċin tax-xmara — Effetti antiċipati — Parteċipazzjoni tal-pubbliku — Direttiva 2001/42/KE — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ pjanijiet u programmi fuq l-ambjent — Applikazzjoni ratione temporis — Direttiva 85/337/KEE — Evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent — Possibbiltà ta’ użu ta’ studji preċedenti — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-fawna u tal-flora selvaġġa — Konservazzjoni ta’ siti ta’ interess Komunitarju — Direttiva 79/409/KEE — Konservazzjoni tal-għasafar — Konservazzjoni ta’ żoni speċjali ta’ protezzjoni — Studju ta’ kompatibbiltà — Projbizzjoni ta’ rigressjoni — Ġustifikazzjoni ta’ restrizzjonijiet”

Werrej


I — Introduzzjoni .......... 3

II — Kuntest ġuridiku .......... 4

A — Id-dritt tal-Unjoni .......... 4

1. Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma .......... 4

2. Id-Direttiva EIA .......... 7

3. Id-Direttiva ESEA .......... 8

4. Id-Direttiva għall-konservazzjoni tal-għasafar .......... 9

5. Id-Direttiva dwar l-habitats .......... 10

B — Il-liġi Griega .......... 11

III — Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari .......... 12


1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

IV — Kunsiderazzjonijiet legali ........ 15

A — Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma ........ 16

1. Dwar l-ewwel domanda preliminari — meta għandu japplika l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ........ 16

2. Fuq l-ewwel parti tat-tielet domanda — kemm hija legali d-devjazzjoni tal-ilma lejn distretti oħra idrografiċi ........ 18

a) Fuq l-obbligi tal-protezzjoni u tar-restawr riżultanti mill-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ........ 18

b) Fuq l-applikazzjoni għall-proġetti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ........ 18

c) Dwar l-istat tajjeb tal-ilmijiet ........ 19

d) Fuq id-deroga mill-għanijiet ambjentali ........ 19

3. Fuq it-tieni domanda — il-ħtieġa li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi ........ 20

4. Fuq it-tieni parti tat-tielet domanda — l-għanijiet legali ta' devjazzjoni ........ 21

5. Dwar it-tielet parti tat-tielet domanda — it-tiftix ta' alternattivi ........ 22

6. Fuq ir-raba' domanda — l-effetti antiċipati tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ........ 23

a) Fuq il-ġurisprudenza li tikkonċerna l-effett antiċipat ta' direttivi ........ 23

b) Fuq l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza legali ........ 24

c) Il-każ preżenti ........ 25

7. Fuq il-ħames domanda — il-parteċipazzjoni tal-pubbliku ........ 27

B — Id-Direttiva EIA ........ 28

C — Id-Direttiva ESEA ........ 30

1. Fuq is-seba' domanda — il-kamp tal-applikazzjoni ratione materiae tad-Direttiva ESEA ........ 30

a) Il-kunċett ta' "pjanijiet u programmi" ........ 31

b) L-obbligu ta' kontroll tal-pjanijiet ta' ġestjoni ........ 31

2. Fuq it-tmien domanda — l-applikazzjoni tad-Direttiva ESEA ratione temporis ........ 32

a) Fuq it-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni ........ 32

b) Fuq l-istabbiliment ta' pjan għad-devjazzjoni tal-Acheloos ........ 33

c) Risposta għat-tmien domanda ........ 33

3. Fuq id-disa' domanda — il-portata tal-evalwazzjoni ambjentali ........ 34

D — Il-ħarsien tan-natura ........ 34

1. Fuq l-għaxar domanda — Il-protezzjoni tas-siti proposti waqt l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006 ........ 35

a) Fuq il-protezzjoni provviżorja tas-siti proposti ........ 35

b) Fuq il-protezzjoni tas-siti wara l-inklużjoni tagħhom fir-reġistru Komunitarju ........ 36

c) Ir-risposta għall-għaxar domanda ........ 38

2. Fuq il-ħdax-il domanda ........ 39

a) Fuq l-applikabbiltà tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats . 39

b) Fuq l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats ........ 40

c) Risposta għall-ħdax-il domanda ........ 41

3. Fuq it-tnax-il domanda — ir-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem .. 41

4. Fuq it-tlettax-il domanda — il-miżuri li jiggarantixxu l-koerenza globali ta' Natura 2000 ........ 42

5. Fuq l-erbatax-il domanda — it-trasformazzjoni tal-ekosistema naturali tax-xmara ........ 43

V — Konklużjoni ........ 43

## I – Introduzzjoni

1. Għal iktar minn għoxrin sena, is-servizzi Griegi ilhom jaħdmu sabiex jiddevjaw parzjalment l-Acheloos, xmara li tinsab fil-Punent tal-Greċja, lejn ix-xmara Pineios, fil-Lvant tal-Greċja, kif ukoll sabiex jisfruttaw il-korsa superjuri tagħha għall-produzzjoni tal-enerġija. Madankollu, is-Symvoulio tis Epikrateias (iktar 'il quddiem, il-"Kunsill tal-Istat") annulla, f'iktar minn okkażjoni waħda, id-deċiżjonijiet għall-awtorizzazzjoni relatati mal-istess. Il-kawża prinċipali tikkonċerna l-validità ta' Liġi tal-2006 li awtorizzat il-proġett mill-ġdid.

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari li hija twila u kumplessa tikkonċerna essenzjalment il-kwistjoni jekk — jew sa liema punt — l-imsemmija liġi għandha tiġi eżaminata fid-dawl tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma [2], anki jekk fil-mument tal-adozzjoni tal-liġi, kien għadu qed jiddekorri t-terminu ta' tranżizzjoni għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-imsemmija direttiva. Min-naħa l-oħra, qed jiġi mistoqsi sa liema punt il-fatt li l-proċedura leġiżlattiva tirreferi għal studju ta' effetti ambjentali, imwettaq fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva preċedenti huwa kompatibbli mad-Direttiva EIA [3]. Qed jiġi wkoll mistoqsi jekk id-direttiva relatata mal-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi dwar

2 — Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275), fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2001, li tistabbilixxi l-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika tal-ilma u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 358).

3 — Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248), fil-verżjoni tagħha kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE tal-Palament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Mejju 2003, li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 7, p. 466).

l-ambjent[4] (iktar 'il quddiem, id-Direttiva "ESEA" għal "evalwazzjoni strateġika tal-effetti fuq l-ambjent") kinitx applikabbli u jekk, skont il-każ, eżami fid-dawl tad-Direttiva ESEA kienx ukoll neċessarju minbarra l-istudju tal-effetti ambjentali ċċitati iktar 'il fuq. Fl-aħħar nett, qed jintalab li jiġu eżaminati ċerti kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni taż-żoni Natura 2000 kkonċernati fid-dawl tad-Direttiva dwar l-habitats[5].

## II – Kuntest ġuridiku

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

#### 1. Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma

3. L-għanijiet ambjentali essenzjali kif ukoll l-eventwali derogi huma stabbiliti fl-Artikolu 4:

"(1) Meta l-programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara ikunu qed isiru operazzjonali:

a) għall-ilma tal-wiċċ:

i) L-Istati Membri jridu jimplementaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu deterjorazzjoni tal-istat ta' kull korp [massa] ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' paragrafi 6 u 7 u mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

ii) L-Istati Membri jridu jipproteġu, jenfazizzaw u jsaħħu l-korpi [mases] kollha ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' sottoparagrafu (iii) għal korpi ta' l-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, bil-ħsieb li jinkiseb stat tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ mhux aktar tard minn 15 il-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

iii) L-Istati Membri jridu jipproteġu u jiżviluppaw il-korpi ta' l-ilma kollha artifiċjali u modifikati ħafna, bil-mira li jinkiseb stat tajjeb ta' ilma tal-wiċċ kimiku u potenzjal ekoloġiku tajjeb mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

iv) [...];

mingħajr preġudizzju għall-ftehim internazzjonali relevanti imsemmija fl-Artikolu 1 għall-partijiet konċernati;

b) għall-ilma ta' taħt l-art:

[...]

4 — Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157).

5 — Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102) fil-verżjoni tagħha kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE id-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 447).

(3) L-Istati Membri jistgħu jinnominaw korp [massa] ta' l-ilma tal-wiċċ bħala artifiċjali jew modifikat ħafna, meta:

a) il-bidliet fil-karatteristiċi idromorfoloġiċi ta' dak il-korp li huma meħtieġa sabiex jinkiseb stat ekoloġiku tajjeb ikollhom effetti sinifikanti kuntrarji fuq:

i) ambjent usa';

ii) navigazzjoni, inklużi faċilitajiet tal-port, jew rikreazzjoni;

iii) attivitajiet li għall-iskopijiet tagħhom l-ilma jiġi maħżun, bħal forniment ta' l-ilma tax-xorb, ġenerazzjoni tal-elettriku jew irrigazzjoni;

iv) regolazzjoni ta' l-ilma, protezzjoni minn dulluvji, drenaġġ ta' l-art, jew

v) attivitajiet oħra sostenibbli ta' żvilupp uman ugwalment importanti;

b) l-għanijiet ta' benefiċċju li l-karatteristiċi artifiċjali jew modifikati ħafna tal-korp ta' l-ilma jservu, ma' jistgħux, minħabba raġunijiet ta' fattibilità teknika jew spejjeż disproporzjonati, raġonevolment ikunu miksuba b'modi oħra, li huma għażla sinifikanti ta' ambjent aħjar.

Desinjazzjoni simili u r-raġunijiet għaliha jridu jkunu imsemmija speċifikament fil-pjanijiet ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara meħtieġ skond l-Artikolu 13 u riveduti kull sitt snin.

(4) […]

(5) L-Istati Membri jistgħu jimmiraw biex jiksbu għanijiet ambjentali anqas stretti minn dawk meħtieġa taħt paragrafu 1 għal korpi [mases] speċifiċi ta' l-ilma meta jkunu tant affetwati minn attività umana, kif stabbiliti skond l-Artikolu 5(1), jew il-kundizzjoni naturali tagħhom hija tant li l-kisba ta' dawn l-għanijiet jistgħu ikunu għolja disproporzjonalment jew mhux fattibli, u l-kondizzjonijiet li ġejjin kollha jkunu milħuqa:

a) il-ħtiġiet ambjentali u soċio-ekonomiċi moqdija minn din l-attività umana ma' jistgħux ikunu miksuba b'modi oħra, li huma sinifikament għażla ambjentali aħjar u li ma' jinvolvux spejjeż disproporzjonati.

b) L-Istati Membri jiżguraw;

— għall-ilma tal-wiċċ, l-aktar stat kimiku u ekoloġiku għoli possibli huwa miksub, provduti impatti [effetti] li raġonevalment ma' jkunux jistgħu jiġu evitati minħabba in-natura ta' attività jew tniġġiż uman;

— […]

ċ) ma' titfaċċax aktar deterjorazzjoni fl-istat ta' korp ta' l-ilma affetwat;

d) it-twaqqif ta' għanijiet ambjentali anqas stretti, u r-raġunijiet għalihom, huma speċifikament imsemmija fil-pjan ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara meħtieġ skond l-Artikolu 13 u dawk l-għanijiet huma riveduti kull sitt snin.

(6) […]

(7) L-Istati Membri ma’ jkunux qed jiksru din id-Direttiva meta:

— nuqqas li jinkiseb stat tajjeb ta’ l-ilma ta’ taħt l-art, stat ekoloġiku tajjeb jew, fejn relevanti, potenzjal ekoloġiku tajjeb jew għal prevenzjoni minn deterjorament fl-istat ta’ korp [massa] ta’ l-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ huwa r-riżultat ta’ modifikazzjonijiet ġodda għall-karatteristiċi fiżiċi tal-korp ta’ l-ilma tal-wiċċ jew alterazzjonijiet sal-livell ta’ korpi ta’ ilma ta’ taħt l-art, jew

— nuqqas ta’ prevenzjoni ta’ deterjorazzjoni minn stat għoli għal stat tajjeb ta’ l-ilma tal-wiċċ huwa r-riżultat ta’ attivitajiet sostenibbli ġodda ta’ żvilupp uman

u l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu milħuqa:

a) il-passi kollha prattikabbli huma meħuda biex jitnaqqsu l-impatti kuntrarji fuq l-istat tal-korp ta’ l-ilma;

b) ir-raġunijiet għal dawk il-modifikazzjonijiet jew alterazzjonijiet huma speċifikament stabbiliti u spjegati fil-pjan ta’ maniġġar tal-baċin ta’ l-ilma meħtieġ skond l-Artikolu 13 u l-għanijiet huma riveduti kull sitt snin;

ċ) ir-raġunijiet għal dawk il-modifikazzjonijiet jew alterazzjonijiet huma ta’ interess pubbliku suprem u/jew il-benefiċċji għall-ambjent u għas-soċjeta mill-kisba ta’ l-għanijiet stabbilti f’paragrafu 1 huma anqas importanti mill-benefiċċji ta’ modifikazzjonijiet jew alterazzjonijiet għas-saħħa tal-bniedem, għal manteniment tas-sigurtà tal-bniedem jew għal żvilupp sostenibbli, u

d) l-għanijiet ta’ benefiċċju moqdija minn dawk il-modifikazzjonijiet jew alterazzjonijiet tal-korp ta’ l-ilma ma’ jistgħux, għar-raġunijiet ta’ fattibilità teknika jew spejjeż disproporzjonati, jkunu miksuba b’modi oħra, li huma għażla aħjar ta’ l-ambjent.

(8) Meta jkun qed japplika l-paragrafi 3, 4, 5, 6 u 7, Stat Membru jrid jiżgura li l-applikazzjoni ma’ teskludix b’mod permaneti jew tikkomprometti l-kisba ta’ l-għanijiet ta’ din id-Direttiva f’korpi oħra ta’ l-ilma fi ħdan l-istess distrett tal-baċin tax-xmara u huwa konsistenti ma’ l-implimentazzjoni ta’ leġislazzjoni Komunitarja oħra ambjentali.

(9) Passi għandhom jittieħdu biex jiżguraw li l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ġodda, inklużi l-applikazzjoni ta’ paragrafi 3, 4, 5, 6 u 7, jiggarantixxu għall-anqas l-istess livell ta’ protezzjoni bħal-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti.”

4. Skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva qafas dwar l-ilma, l-Istati Membri kellhom, sat-22 ta’ Diċembru 2004, jipproċedu għall-analiżi ta’ ċerti karatteristiċi għal kull distrett ta’ baċin tax-xmara. Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, l-Istati Membru kellhom jistabbilixxu, qabel it-22 ta’ Diċembru 2006, programmi għas-sorveljanza tal-ilmijiet. Skont l-Artikolu 15(2), l-Istati Membri kellhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti fi żmien tliet xhur dwar iż-żewġ miżuri ċċitati iktar ’il fuq.

5. L-Artikolu 11 jirregola l-programmi dwar il-miżuri li l-Istati Membri huma marbuta jadottaw għal kull distrett ta’ baċin tax-xmara. It-terminu mogħti għall-adozzjoni tagħhom huwa stabbilit fil-paragrafu 7:

“Il-programmi ta’ miżuri jridu jiġu stabbiliti mhux aktar tard minn disa’ snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva u l-miżuri kollha jridu jsiru operazzjonali mhux aktar tard minn 12 il-sena wara dik id-data.”

6. L-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jirregola t-tħejjija tal-pjanijiet għall-ġestjoni tad-distretti idrografiċi. L-ewwel paragrafu jistabbilixxi l-obbligu tat-tħejjija tagħhom u l-paragrafu 6 jistabbilixxi t-terminu għall-pubblikazzjoni tagħhom:

"(1) L-Istati Membri jridu jiżguraw li pjan ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara huwa prodott għal kull distrett tal-baċin tax-xmara li qiegħed kollu fi ħdan it-territorju tagħhom.

[…]

(6) Pjanijiet ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara jridu jiġu ppubblikati mhux aktar tard minn disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva."

7. Fl-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, wieħed isib xi dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku:

"(1) L-Istati Membri jridu jinkoraġġixxu l-involviment attiv tal-partijiet kollha interessati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, partikolarment fil-produzzjoni, reviżjoni u aġġornament tal-pjanijiet ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara. Stati Membri jridu jiżguraw li, għal kull distrett tal-baċin tax-xmara, iridu jippubblikaw u jagħmlu disponibbli għal kummenti lill-pubbliku, inklużi utenti:

a) orarju u programm tax-xogħol għall-produzzjoni tal-pjan, inkluż prospett tal-miżuri ta' konsultazzjoni li jridu jittieħdu, għall-anqas tlett snin qabel il-bidu tal-perjodu riferut mill-pjan;

b) deskrizzjoni interim tal-kwistjonijiet sinifikanti ta' l-imaniġġar ta' l-ilma identifikat fil-baċin tax-xmara, għall-anqas sentejn qabel il-bidu tal-perjodu riferut fil-pjan;

ċ) kopji ta' abbozz tal-pjan ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara, għall-inqas sena qabel il-bidu tal-perjodu riferut fil-pjan.

Fuq talba, aċċess irid jingħata għal dokumenti u informazzjoni ta' l-isfond użati għall-iżvilupp ta' l-abbozz tal-pjan ta' maniġġar tal-baċin tax-xmara.

(2) L-Istati Membri jridu jħallu għall-anqas sitt xhur biex jikkummentaw bil-kitba fuq dawk id-dokumenti sabiex jippermettu konsultazzjoni u involviment attiv."

8. Skont l-Artikolu 24, it-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, jiskadi fit-22 ta' Diċembru 2003.

2. Id-Direttiva EIA

9. L-Artikolu 2(1) jistabbilixxi l-għan tad-Direttiva EIA:

"Stati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, qabel ma jingħata kunsens, proġetti li aktarx ikollhom effetti sinifikattivi fuq l-ambjent minħabba *inter alia*, in-natura, il-kobor u l-post tagħhom ikunu suġġetti għal stima fir-rigward ta' l-effetti tagħhom.

Dawn il-proġetti huma ddefiniti fl-Artikolu 4."

10. L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EIA jiġbor fih madankollu eċċezzjoni applikabbli għall-atti leġiżlattivi:

"Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal proġetti li d-dettalji tagħhom huma adottati b'att speċifiku ta' leġislazzjoni nazzjonali, ladarba l-għanijiet ta' din id-Direttiva, inkluż dak ta' forniment ta' informazzjoni, jinkisbu permezz ta' proċess leġislattiv."

11. L-Artikolu 5 tad-Direttiva EIA jistabbilixxi l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali:

"(1) Fil-każ ta' proġetti li, skond l-Artikolu 4, għandhom ikunu soġġetti għal stima ta' l-impatt [effett] ambjentali skond l-Artikoli 5 sa 10, Stati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-iżviluppatur iforni f'għamla xierqa l-informazzjoni speċifikata f'L-Anness III sakemm:

a) l-Istati Membri jikkunsidraw li l-informazzjoni hija relevanti għal stadju speċifikat tal-proċedura ta' kunsens u għall-karatteristiċi speċifiċi ta' proġett partikulari jew tip ta' proġett u għall-fatturi ambjentali li aktarx se jkunu milquta;

b) l-Istati Membri jikkunsidraw li l-iżviluppatur jista' b'mod raġonevoli jkun mitlub jiġbor din l-informazzjoni filwaqt li jżomm quddiem għajnejh *inter alia* għarfien u metodi kurrenti ta' stima."

12. Fil-punti 12 u 15 tiegħu, l-Anness I mad-Direttiva EIA jikkwota l-proġetti tat-trasferiment ta' riżorsi tal-ilma u tad-digi.

3. Id-Direttiva ESEA

13. Il-pjanijiet u l-programmi huma ddefiniti fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESEA:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

a) "pjanijiet u programmi" tfisser pjanijiet u programmi, inklużi dawk ko-finanzjati mill-Komunità Ewropea, kif ukoll xi modifiki li jsirulhom:

— li huma suġġetti għall-preparazzjoni u/jew adozzjoni minn xi awtorita nazzjonali, reġjonali jew livell lokali jew li jkunu preparati minn xi awtorita għall-adozzjoni, permezz ta' proċedura leġislattiva mill-Parlament jew il-Gvern, u

— li huma meħtieġa permezz ta' disposizzjonijiet leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi".

14. L-Artikolu 3 tad-Direttiva ESEA jippreċiża liema pjanijiet u programmi għandhom ikunu s-suġġett tal-evalwazzjoni. Il-paragrafi 1 sa 4 b'mod partikolari huma l-iktar rilevanti:

"(1) L-istima ambjentali, skond l-Artikoli 4 sa 9, għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 li x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(2) Bla ħsara għall-paragrafu 3, stima ambjentali għandha ssir għall-pjanijiet u l-programmi kollha,

a) li huma ppreparati għall-agrikoltura, il-forestrija, is-sajd, l-enerġija, l-industrija, it-trasport, l-imaniġġar ta' l-iskart, l-amministrazzjoni ta' l-ilma, it-telekomunikazzjonijiet, it-turiżmu, pjanar ta' bliet u l-kampanja jew l-użu ta' l-art u li jistabilixxu l-qafas għall-kunsens futur għall-iżvilupp tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 85/337/KEE, jew

b) li, in vista ta' l-effett fuq iż-żoni li x'aktarx, ġew stabbiliti biex jiksbu stima bis-saħħa ta' l-Artikolu 6 jew 7 tad-Direttiva 92/43/KEE.

(3) Pjanijiet u programmi msemmija fil-paragrafu 2 li jistabbilixxu l-użu ta' żoni żgħar fil-livell lokali u modifiki żgħar għall-pjanijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu 2 jkunu jeħtieġu stima ambjentali biss meta l-Istati Membri jistabbilixxu li dawn x'aktarx ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(4) L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet u l-programmi, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, li jissettjaw il-qafas għall-kunsens futur ta' l-iżvilupp tal-proġetti, hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti.

(5) L-Istati Membri għandhom jistabilixxu jekk il-pjanijiet jew il-programmi msemmija fil-paragrafi 3 u 4 hux ser ikollhom effetti ambjentali sinifikanti jew billi kull każ jiġi eżaminat jew billi jkunu speċifikati t-tipi ta' pjanijiet u programmi jew billi jkunu kombinati iż-żewġ metodi. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jikkunsidraw il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness II, sabiex ikun assigurat li l-pjanijiet u l-programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent ikunu koperti b'din id-Direttiva. Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jikkunsidraw il-kriterji rilevanti stabbiliti fl-Anness II, sabiex ikun assigurat li l-pjanijiet u l-programmi li x'aktarx ikollhom effetti sinjifikattiv fuq l-ambjent ikunu koperti b'din id-Direttiva.

(6) […]"

15. L-Artikolu 11 tad-Direttiva ESEA jirregola r-relazzjoni mar-rekwiżiti tad-Direttiva EIA u mal-proċeduri l-oħra tal-evalwazzjoni ambjentali:

"(1) Stima ambjentali magħmula skond din id-Direttiva għandha ssir mingħajr preġudizzju għal xi ħtiġiet skond id-Direttiva 85/337/KEE u għal xi ħtiġiet oħra tal-liġi tal-Komunità.

(2) Għar-rigward ta' pjanijiet u programmi li dwarhom l-obbligazzjoni li jsiru stimi ta' l-effetti fuq l-ambjent tirriżulta simultanjament minn din id-Direttiva u minn leġislazzjoni oħra tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet għal proċeduri kordinati jew konġunti li jaqblu mal-ħtiġiet tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità sabiex, fost l-oħrajn, jevitaw duplikazzjoni ta' stimi.

(3) […]"

16. Skont l-Artikolu 13(1), id-Direttiva ESEA kellha tiġi trasposta sal-21 ta' Lulju 2004.

17. L-Artikolu 13(3) jirregola l-applikazzjoni *ratione temporis* tad-direttiva ESEA. Fil-prinċipju hija tapplika biss għall-proċeduri li nbdew wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni. Hija tapplika biss b'mod limitat għall-proċeduri li nbdew iktar kmieni:

"L-obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) għandha tgħodd għall-pjanijiet u programmi li dwarhom l-ewwel att preparatorju formali jkun sussegwenti għad-data msemmija fil-paragrafu 1. Il-pjanijiet u l-programmi li dwarhom l-att preparatorju formali jkun qabel dik id-data u li jkunu adottati jew sottomessi għall-proċedura leġislattiva aktar minn 24 xahar wara dan, għandhom isiru suġġetti għall-obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) kemm-il darba l-Istati Membri ma jiddeċidux abbażi ta' kull każ li dan ma jkunx possibbli u jinfurmaw lill-pubbliku bid-deċiżjoni tagħhom."

4. Id-Direttiva għall-konservazzjoni tal-għasafar

18. Id-Direttiva 79/409/KEE tal-Kunsill, tat-2 ta' April 1979, dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi[6] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-għasafar") tipprovdi fl-Artikolu 4(1) u (2) tagħha, li l-Istati Membri jikklassifikaw f'żoni ta' protezzjoni speċjali (iktar 'il quddiem, "ŻPS") it-territorji l-iktar xierqa għall-konservazzjoni tal-ispeċi msemmija fl-Anness I u tal-ispeċi li jemigraw.

6 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98; emendata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 807/2003, tal-14 ta' April 2003, li jadatta, għad-Deċiżjoni 1999/468/KE, id-disposizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti tal-Kunsill adottati skont il-proċedura ta' konsultazzjoni (unanimità); sussegwentement ikkonsolidata bid-Direttiva 2009/147/KE tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU 2010, L 20, p. 7).

19. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva dwar l-għasafar tirregola l-protezzjoni taż-ŻPS:

"Fir-rigward taż-żoni ta' protezzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 fuq, l-istati membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jevitaw tniġġis jew deterjorazzjoni tal-ħabitat jew kwalunkwe tfixkil li jaffettwa l-għasafar, sakemm dawn jistgħu ikunu sinifikanti fil-kuntest ta' l-għanijiet ta' dan l-Artikolu."

5. Id-Direttiva dwar l-habitats

20. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar l-habitats, kif ukoll l-Anness III (Stadju 1), l-Istati Membri għandhom jipproponu lill-Kummissjoni siti li jospitaw tipi ta' habitats naturali msemmija fl-Anness I u speċi indiġeni imsemmija fl-Anness II. Skont l-Artikolu 4(2), kif ukoll l-Anness III (Stadju 2), il-Kummissjoni tagħżel is-siti li jiġu rreġistrati f'lista ta' siti ta' interess Komunitarju (iktar 'il quddiem, "SIK").

21. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva dwar l-habitats jirregola l-applikazzjoni *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet relatati mal-konservazzjoni tas-siti:

"Hekk kif sit jitniżżel fil-lista msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 dan ikun suġġett għall-Artikolu 6(2), (3) u (4)."

22. Permezz tad-Deċiżjoni Nru 2006/613/KE, tad-19 ta' Lulju 2006 li tadotta, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, l-elenku ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Mediterranju [7], il-Kummissjoni rreġistrat fil-lista, fost oħrajn, is-siti li ġejjin:

— "Delta Acheloou, Limnothalassa Mesologgiou-Aitolikou, Ekvoles Evinou, Nisoi Echinades, Nisos Petalas" (GR2310001),

— "Limni Amvrakia" (GR2310007),

— "Limni Ozeros" (GR2310008),

— "Limnes Trichonida kai Lysimachia" (GR2310009), u

— "Aspropotamos" (GR1440001 [8]).

23. Skont il-bażi informattiva tal-EUR-Lex, din id-deċiżjoni ġiet innotifikata lill-Istati Membri fid-19 ta' Lulju 2006 [9] u ġiet ippubblikata f'numru tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Settembru 2006.

24. Id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-konservazzjoni tas-siti jinsabu fl-Artikolu 6(2) sa (4) tad-Direttiva dwar l-habitats:

"(2) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-habitat naturali u l-habitat ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

(3) Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta'

7 — ĠU L 142 M, 5.6.2007, p. 64.

8 — Id-digriet tar-rinviju jindika hawnhekk — probabbilment bi żball — il-kodiċi GR2310001.

9 — http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32006D0613(01):MT:NOT, taħt "Dati".

l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali.

(4) Jekk, minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, pjan jew proġett irid isir xorta waħda għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku, l-Istat Membru irid jieħu l-miżuri kollha kumpensatorji meħtieġa biex jiżgura li tkun protetta l-koerenza globali ta' Natura 2000. Hu jrid jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-miżuri kumpensatorji adottati.

Meta s-sit konċernat jospita tip ta' habitat naturali ta' priorità u/jew speċi ta' priorità, l-uniċi kunsiderazzjonijiet li jistgħu jitqajmu huma dawk marbuta ma' saħħet il-bniedem jew is-sigurtà pubblika, dawk li għandhom konsegwenzi ta' benefiċċju u ta' importanza ewlenija għall-ambjent jew, wara opinjoni mill-Kummissjoni, ma raġunijiet obbligatorji oħra ta' interess pubbliku li jieħu l-preċedenza."

25. L-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-habitats jestendi dawn id-dispożizzjonijiet għaż-ŻPS tad-Direttiva dwar l-għasafar.

B – *Il-liġi Griega*

26. Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma ġiet trasposta permezz tal-Liġi 3199/2003 [10] u permezz tad-Digriet Presidenzjali Nru 51/2007 [11]. F'din il-kawża, il-kwistjoni tikkonċerna emendi għal-Liġi 3199/2003 permezz tal-Liġi 3481/2006 [12].

27. L-Artikolu 9 tal-Liġi 3481/2006 iżid il-paragrafu 5 mal-Artikolu 7 tal-Liġi 3199/2003:

"(5) Sakemm jiġi approvat il-programm nazzjonali għall-ġestjoni u l-protezzjoni tal-potenzjal akwatiku tal-pajjiż u sakemm jiġu adottati l-pjanijiet għall-ġestjoni ta' kull reġjun, il-ġbir minn baċin tax-xmara partikolari u t-trasferiment tal-ilma lejn baċin tax-xmara ieħor abbażi ta' pjan approvat għall-ġestjoni tal-ilmijiet tal-baċin jew baċini partikolari, huma awtorizzati:

a) għas-sodisfazzjoni ta' ħtiġijiet imperattivi għall-provvista tal-ilma fl-ibliet u fil-villaġġi tal-madwar,

b) [...],

c) [...]; jew

d) għall-produzzjoni tal-enerġija f'ċentri kbar idroelettriċi li l-kapaċità tagħhom teċċedi il-50 MW. [...]."

28. L-Artikolu 13 tal-Liġi 3481/2006 jikkonċerna l-proġett ikkontestat:

"(1) Ix-xogħlijiet ta' devjazzjoni parzjali lejn it-Thessalie, tal-korsa superjuri tal-Achelos, jikkwalifikaw bħala 'xogħlijiet ta' portata wiesgħa u ta' interess nazzjonali'.

(2) Il-pjan għall-ġestjoni tal-baċini idrografiċi tax-xmara Acheloos u tax-xmara Pineios (Thessalie) huwa approvat. [...]

10 — FEK A' 280 tad-9 ta' Diċembru 2003.
11 — FEK A' 54 tat-8 ta' Marzu 2007
12 — FEK A' 162 tat-2 ta' Awwissu 2006.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet u r-restrizzjonijiet ambjentali applikabbli għax-xogħlijiet ta' devjazzjoni lejn it-Thessalie tal-korsa superjuri tax-xmara Acheloos, li għalihom il-proċeduri kollha ġew kompletament osservati — inklużi l-proċeduri ta' reklamar u ta' konsultazzjoni mal-pubbliku kkonċernat u mas-servizzi kompetenti — previsti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi nazzjonali jew Komunitarja relatata mal-ambjent u mal-protezzjoni tal-antikitajiet, huma approvati. [...]

(4) Huwa possibbli, skont il-pjan ta' ġestjoni u l-parametri ambjentali approvati abbażi tal-paragrafu preċedenti, li titħaddem jew tiġi ffinalizzata l-kostruzzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi kif ukoll tax-xogħlijiet tad-Dimosia Epicheirisi Ilektrismou [impriża pubblika tal-elettriku fil-Greċja, iktar 'il quddiem, DEI], relatati mad-devjazzjoni tal-korsa superjuri tal-Acheloos lejn it-Thessalie jew mal-produzzjoni tal-enerġija elettrika, li kienu s-suġġett tal-għoti ta' kuntratti u li kienu ġew jew qed jiġu kkonstruwiti."

## III – Il-fatti u t-talba għal deċiżjoni preliminari

29. Il-proġett li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju jikkonsisti fid-devjazzjoni parzjali tax-xmara Acheloos (fil-Punent tal-Greċja) lejn ix-xmara Pineios (li tinsab fil-Lvant tal-Greċja, iktar preċiżament fit-Thessalie). Minbarra d-devjazzjoni *stricto sensu*, il-proġett jiġbor fih ukoll diversi digi maħsuba biex iservu għall-produzzjoni tal-enerġija.

30. B'tul ta' 220 kilometru u b'wisa' li twassal sa 90 metru, l-Acheloos għandha s-sors tagħha ħdejn il-Metsovo, fil-katina ta' muntanji tal-Pinde, u — arrikkita b'bosta tributarji — tintefa' għal ġol-baħar lejn il-Punent ta' Messolonghi, fil-Golf ta' Patras; huwa wieħed mill-ikbar baċini akwatiċi tal-pajjiż u jikkostitwixxi ekosistema tax-xmara li huwa importanti ħafna.

31. Il-Pineios għandha wkoll is-sors tagħha fl-iġbla ta' muntanji ta' Pinde, iżda tnixxi lejn il-Lvant, billi tgħaddi mill-pjanura ta' Thessalie, biex imbagħad tintefa' fil-Golf ta' Salonique.

32. Biex jitwettaq dan il-proġett, ġew adottati diversi deċiżjonijiet ministerjali, u fl-aħħar nett il-Liġi 3481/2006.

33. B'mod iktar preċiż, parametri ambjentali għal ċerti xogħlijiet tekniċi iżolati — inklużi fil-qafas tal-proġett globali ta' devjazzjoni lejn it-Thessalie tal-ilmijiet tax-xmara Acheloos — kienu ġew inizjalment approvati permezz ta' deċiżjonijiet ministerjali konġunti fl-1991 u l-1992. Dawn id-deċiżjonijiet ministerjali konġunti kienu ġew annullati fl-1994 permezz tas-sentenzi tal-Kunsill tal-Istat Grieg.

34. Wara dawn is-sentenzi, kienet saret evalwazzjoni ambjentali waħda taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Ambjent, għall-Ippjanar tat-Territorju u għax-Xogħlijiet pubbliċi, li tikkonċerna x-xogħlijiet kollha tal-proġett ta' devjazzjoni. Fl-1995 kienu ġew adottati żewġ deċiżjonijiet ministerjali dwar l-ippjanar tat-territorju u l-kundizzjonijiet ambjentali. Dawn id-deċiżjonijiet ġew ukoll annullati fis-sena 2000, permezz ta' sentenza tal-Kunsill tal-Istat.

35. Wara din is-sentenza ta' annullament tal-Kunsill tal-Istat, il-Ministeru għall-Ambjent, għall-Ippjanar tat-Territorju u għax-Xogħlijiet pubbliċi wettaq studju addizzjonali tal-effetti ambjentali tad-devjazzjoni tax-xmara Acheloos lejn it-Thessalie. Fl-2003 ġiet adottata deċiżjoni ministerjali konġunta li approvat il-parametri ambjentali applikabbli għall-kostruzzjoni u għall-funzjonament tal-proġett. Din id-deċiżjoni ministerjali konġunta ġiet annullata fl-2005 permezz tas-sentenza tal-Kunsill tal-Istat.

36. Konsegwentement, fis-6 ta' Lulju 2006, fil-kuntest tal-proċedura għall-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006, tressqu proposti li kienu jipprevedu pjanijiet għall-ġestjoni tal-baċini idrografiċi tal-Acheloos u tal-Pineios u li kienu jawtorizzaw il-proġett imsemmi iktar 'il fuq. Il-liġi ġiet adottata bl-imsemmija dispożizzjonijiet u daħlet fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħha, fit-2 ta' Awwissu 2006.

37. Fil-kawża prinċipali, in-Nomarchiaki Aftodioikisi Aitoloakarnanias (Amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania) *et* jitolbu l-annullament tal-proġett kollu kemm hu. Biex ikun jista' jiddeċiedi dwar dan ir-rikors, il-Kunsill tal-Istat Grieg jindirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja l-erbatax-il domanda segwenti:

1. L-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275), jistabbilixxi sempliċi terminu finali (22 ta' Diċembru 2009) għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-imaniġġar tar-riżorsi tal-ilma jew jistabbilixxi, sa dik id-data, terminu speċjali għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 3, 4, 5, 6, 9, 13 u 15 ta' din id-direttiva?

Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tiddeċiedi li d-dispożizzjoni msemmija tad-Direttiva 2000/60 tistabbilixxi sempliċi terminu finali għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-imaniġġar tar-riżorsi tal-ilma:

2. Leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti t-trasferiment minn baċin ta' xmara partikolari għal baċin ta' xmara ieħor, mingħajr ma jkunu għadhom tħejjew il-pjanijiet għad-distretti tal-baċin ta' xmara li fihom jinsabu l-baċini ta' xmara li minnhom u lejhom ser jiġi ttrasferit l-ilma, hija konformi mal-Artikoli 2, 3, 4, 5, 6, 9, 13 u 15 tad-Direttiva 2000/60 fid-dawl tal-fatt li, taħt l-Artikolu 2(15) ta' din id-direttiva, l-unità prinċipali għall-imaniġġar ta' baċin ta' xmara hija d-distrett tal-baċin ta' xmara li minnu jkun jagħmel parti?

   Fil-każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv:

3. Fid-dawl tal-Artikoli 2, 3, 5, 6, 9, 13 u 15 tad-Direttiva 2000/60, huwa permess it-trasferiment ta' ilma minn distrett ta' baċin ta' xmara lil distretti ta' baċin ta' xmara ieħor li jinsab fil-qrib? Jekk ir-risposta tkun fl-affermattiv, l-iskop ta' dan it-trasferiment jista' jkun biss dak li jiġu sodisfatti bżonnijiet ta' provvista ta' ilma għax-xorb jew dan it-trasferiment jista' jsir ukoll bl-iskop li jaqdi bżonnijiet ta' irrigazzjoni u ta' ġenerazzjoni tal-elettriku? Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet imsemmija ta' din id-direttiva, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet amministrattivi jkunu ddeċidew, billi jagħtu r-raġunijiet tagħhom u abbażi tal-istudju xjentifiku meħtieġ, li d-distrett ta' baċin ta' xmara li lejh jiġi ttrasferit l-ilma ma jistax, bir-riżorsi tal-ilma tiegħu biss, jaqdi l-bżonnijiet tiegħu f'termini ta' provvista ta' ilma għax-xorb, irrigazzjoni, eċċ?

   Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tiddeċiedi, fir-rigward tad-ewwel domanda, li l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva 2000/60 ma jistabbilixxix sempliċi terminu finali (22 ta' Diċembru 2009) għat-tħejjija tal-pjanijiet tal-imaniġġar tar-riżorsi tal-ilma iżda jistabbilixxi terminu speċjali għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 3, 4, 5, 6, 9, 13 u 15 ta' din id-direttiva:

4. Leġiżlazzjoni nazzjonali, adottata f'dan it-terminu speċjali għat-traspożizzjoni u li tippermetti t-trasferiment ta' ilma minn baċin ta' xmara partikolari għal baċin ta' xmara ieħor, mingħajr ma jkunu għadhom tħejjew il-pjanijiet għad-distretti tal-baċin ta' xmara li fihom jinsabu l-baċini ta' xmara li minnhom u lejhom ser jiġi ttrasferit l-ilma, tippreġudika fiha nfisha l-effettività tad-Direttiva 2000/60 jew sabiex jiġi evalwat jekk hijiex ippreġudikata l-effettività ta' din id-direttiva huwa meħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni kriterji bħall-portata tal-interventi previsti u l-iskopijiet tat-trasferiment tal-ilma?

5. Dispożizzjoni nazzjonali, adottata minn parlament nazzjonali u li tapprova pjanijiet tal-imaniġġar ta' baċin ta' xmara mingħajr ma r-regoli nazzjonali rilevanti jipprevedu stadju għall-konsultazzjoni tal-pubbliku fil-proċedura quddiem il-parlament nazzjonali, u mingħajr ma jirriżulta mill-proċess li kienet osservata l-proċedura ta' konsultazzjoni quddiem l-awtoritajiet

amministrattivi prevista mid-Direttiva 2000/60, hija kompatibbli mal-Artikoli 13, 14 u 15 ta' din id-direttiva, li jikkonċernaw il-proċeduri għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku?

6. [EIA] — li tikkonċerna l-bini ta' digi u t-trasferiment ta' ilma — li tressqet għall-approvazzjoni tal-parlament nazzjonali wara li deċiżjoni ġudizzjarja annullat il-miżura li kienet approvat din l-istima preċedentement u li fil-konfront tagħha ma kinitx preċedentement osservata l-proċedura ta' informazzjoni lill-pubbliku, u dan mingħajr ma din il-proċedura kienet osservata sussegwentement, tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli 1, 2, 5, 6, 8 u 9 tad-Direttiva EIA fir-rigward tal-informazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku?

7. Pjan biex tiġi ddevjata xmara jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Ġunju 2001, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent meta dan il-pjan:

a) jikkonċerna l-bini ta' digi u t-trasferiment ta' ilma minn distrett ta' baċin ta' xmara għal distrett ieħor,

b) jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/60,

ċ) jikkonċerna xogħlijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva EIA u

d) jista' jkollu effetti ambjentali fuq żoni koperti mid-Direttiva ESEA?

Fil-każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv:

8. Fid-dawl tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2001/42, atti li kienu jikkonċernaw il-proġett inkwistjoni u li ġew annullati b'effett retroattiv permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala atti preparatorji formali maħruġa qabel il-21 ta' Lulju 2004 b'tali mod li ma hemm ebda obbligu li titħejja stima [evalwazzjoni] ambjentali strateġika?

Fil-każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta fin-negattiv:

9. Fid-dawl tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva ESEA, jekk proġett jaqa' fl-istess ħin fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u f'dak tad-Direttivi 2000/60 u EIA, li wkoll jeħtieġu stima tal-effetti ambjentali ta' dan il-proġett, l-istimi mħejjija abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2000/60 u EIA huma suffiċjenti sabiex ikunu osservati r-rekwiżiti tad-Direttiva ESEA jew huwa meħtieġ li titħejja stima ambjentali strateġika separata?

10. Fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 6 tad-Direttiva dwar l-habitats, iż-żoni inklużi fil-listi nazzjonali ta' siti ta' importanza għall-Komunità (SIK) u, eventwalment, inklużi fil-lista Komunitarja ta' SIK kienu koperti mill-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva dwar l-habitats, qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/613/KE, tad-19 ta' Lulju 2006, li adottat il-lista ta' SIK protetti għar-reġjun bijoġeografiku Mediterranju?

11. Fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 6 tad-Direttiva dwar l-habitats, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-twettiq ta' proġett għad-devjazzjoni ta' ilmijiet li ma jkunx marbut direttament ma' jew ma jkunx meħtieġ għall-konservazzjoni ta' distrett inkluż f'żona ta' protezzjoni speċjali meta mill-istudji kollha inklużi fil-fajl marbut ma' dan il-proġett jirriżulta li ma kien hemm ebda informazzjoni jew li ma kienx hemm data affidabbli u aġġornata fir-rigward tal-għasafar f'dan id-distrett?

12. Fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 6 tad-Direttiva dwar l-habitats, raġunijiet marbuta prinċipalment mal-irrigazzjoni u, sussidjarjament, mal-provvista tal-ilma għax-xorb, mogħtija bħala r-raġunijiet għat-twettiq ta' proġett ta' devjazzjoni ta' ilmijiet, jistgħu jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku meħtieġa minn din id-direttiva sabiex il-proġett inkwistjoni jkun jista' jitħalla jitwettaq minkejja l-effetti negattivi tiegħu kollha fuq żoni protetti minn din id-direttiva?

Fil-każ li d-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv:

13. Fid-determinazzjoni tal-miżuri kumpensatorji suffiċjenti meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-koerenza globali ta' żona Natura 2000 li tkun affettwata b'mod ħażin minn proġett ta' devjazzjoni ta' ilmijiet, fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 6 tad-Direttiva dwar l-habitats, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni kriterji bħalma huma l-portata ta' din id-devjazzjoni u l-ammont ta' xogħlijiet li tinvolvi din id-devjazzjoni?

14. Fid-dawl tal-Artikoli 3, 4 u 6 tad-Direttiva dwar l-habitats, interpretati fid-dawl tal-prinċipju ta' żvilupp sostenibbli stabbilit fl-Artikolu 6 KE (li sar l-Artikolu 11 TFUE), l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-twettiq ta' proġett ta' devjazzjoni ta' ilmijiet f'żona Natura 2000 li ma jkunx marbut direttament ma' jew ma jkunx meħtieġ għall-konservazzjoni tal-koerenza ta' dik iż-żona, meta mill-evalwazzjoni tal-effett tal-proġett fuq l-ambjent jirriżulta li l-proġett ser jirriżulta fil-konverżjoni ta' ekosistema tax-xmajjar naturali għal ekosistema tax-xmajjar u tal-lagi artifiċjali?

38. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et* (il-Greċja tal-Punent), mill-amministrazzjonijiet tal-prefettura ta' Larisa, Magnisia [13], Karditsa, kif ukoll ta' Trikala *et* [14], mill-kumpannija tal-elettriku Dimosia Epicheirisi Ilektrismou (DEI), mir-Repubblika Ellenika, mir-Renju tan-Norveġja u mill-Kummissjoni Ewropea. Bl-eċċezzjoni tan-Norveġja, dawn il-partijiet kienu wkoll irrappreżentati waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2011.

## IV – Kunsiderazzjonijiet legali

39. Il-Kunsill tal-Istat jagħmel erbatax-il domanda kumplessa li jikkonċernaw l-interpretazzjoni ta' erba' direttivi distinti, li ser neżamina suċċessivament: il-kawża hija msejsa essenzjalment fuq id-Direttiva Qafas dwar l-ilma (li hija trattata fil-parti A) anki jekk, għal raġunijiet kronoloġiċi, din id-direttiva ma tapplikax ħlief permezz tal-effetti antiċipati tagħha [15]. Jeħtieġ sussegwentement li tingħata risposta għal domanda li tikkonċerna d-Direttiva EIA, iktar preċiżament, dwar il-kundizzjonijiet li din id-direttiva tistabbilixxi għall-awtorizzazzjoni ta' proġett permezz ta' liġi (il-parti B). Jeħtieġ ukoll sussegwentement li tiġi eżaminata l-applikabbiltà *ratione materiae* u *ratione temporis* tad-Direttiva ESEA kif ukoll il-possibbiltà ta' evalwazzjoni ambjentali flimkien, li tikkonforma ma' din id-direttiva, mad-Direttiva qafas dwar l-ilma kif ukoll mad-Direttiva EIA (parti Ċ). Fl-aħħar nett ser neżamina bosta domandi relatati mal-applikabbiltà tad-Direttiva dwar l-habitats u mar-rekwiżiti imposti minnha fuq il-proġett ikkontestat f'din il-kawża (parti D).

40. Madankollu għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel nett, li d-dikjarazzjoni ta' DEI li l-proġett tad-diga ta' Mesohora kellu jiġi distint mill-proġett globali, huwa mingħajr importanza għall-finijiet tal-proċedura preliminari. Peress li l-Kunsill tal-Istat ma għamel l-ebda domanda relatata ma' din il-kwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tagħti deċiżjoni fir-rigward.

13 — In-nota tal-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Magnisia hija parzjalment identika għal dik ta' DEI.

14 — In-nota tal-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Karditsa hija kważi identika għal dik tal-amministrazzjoni tal-preferrura ta' Trikala.

15 — Ara *infra*, A.6, il-punti 97 *et seq.*

A – *Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma*

41. L-ewwel domanda tal-Kunsill tal-Istat tikkonsisti fil-kwistjoni li jiġi stabbilit jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma kinux diġà applikabbli għal-Liġi 3481/2006 (ara *infra*, Titolu 1). Jeħtieġ sussegwentement li jiġi ppreċiżat jekk il-prinċipju nnifsu tad-devjazzjoni tal-ilma bejn żewġ distretti idrografiċi hux ammissibbli (Titolu 2), jekk tali devjazzjoni tippreżupponix pjanijiet ta' ġestjoni fis-sens tad-Direttiva Qafas dwar il-ilma (Titolu 3), liema għanijiet jistgħu jiġġustifikaw id-devjazzjoni (Titolu 4) u l-miżura tal-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet alternattivi (Titolu 5). Jekk il-konklużjoni tiegħi tkun tali li, għal raġunijiet kronoloġiċi, dawn id-dispożizzjonijiet għadhom ma japplikawx, l-effetti antiċipati tagħhom ikollhom importanza essenzjali (Titolu 6). Fl-aħħar nett, il-Kunsill tal-Istat jagħmel id-domanda dwar il-parteċipazzjoni meħtieġa tal-pubbliku waqt l-adozzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni, skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma (Titolu 7).

1. Dwar l-ewwel domanda preliminari — meta għandu japplika l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma

42. Permezz tal-ewwel domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk l-Artikolu 13(6) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jillimitax ruħu għall-iffissar ta' terminu massimu għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni jew jekk jistabbilixxix terminu speċjali għat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li huma rilevanti għal dawn il-pjanijiet.

43. L-Artikolu 13(6) jipprovdi li l-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom jiġu ppubblikati sa mhux iktar tard minn disa' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva, jiġifieri t-22 ta' Diċembru 2009. Irid jingħad li skont l-Artikolu 24, it-terminu għat-traspożizzjoni kien diġà skada fit-22 ta' Diċembru 2003.

44. Għall-finijiet tal-kawża prinċipali u tat-talba għal deċiżjoni preliminari, hija fuq kollox l-interazzjoni bejn il-pjanijiet ta' ġestjoni u l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma li hija ta' interess. Din id-dispożizzjoni tiġbor fiha l-għanijiet ambjentali essenzjali tad-direttiva. Skont l-Artikolu 4(1)(a)(i), l-Istati Membri għandhom jimplementaw il-miżuri neċessarji biex iħarsu kontra d-deterjorazzjoni tal-istat tal-mases kollha tal-ilma tal-wiċċ u pereżempju tax-xmara Acheloos. L-Artikolu 4(1)(a)(ii) u (iii), jimponi, barra minn hekk, l-obbligu tal-protezzjoni, titjib u tisħiħ tal-mases tal-ilma tal-wiċċ bl-għan li jinkiseb potenzjal ekoloġiku tajjeb u stat kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ, sa mhux iktar tard minn ħmistax-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-direttiva, jiġifieri t-22 ta' Diċembru 2015.

45. Fil-prinċipju, l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma kellha wkoll tiġi implementata mill-Greċja fi żmien tliet xhur, kif stabbilit mill-Artikolu 24[16]. Madankollu, l-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) ma japplikawx għal kwalunkwe azzjoni, *iżda biss inkwantu huwa meħtieġ* biex irendu operazzjonali *l-programmi ta' miżuri* previsti fil-*pjanijiet ta' ġestjoni*. Il-pjanijiet ta' ġestjoni huma koperti permezz tat-terminu ta' adattament ta' disa' snin stabbilit fl-Artikolu 13(6). Skont l-Artikolu 11(7), l-istess terminu japplika biex jiġu stabbiliti programmi ta' miżuri. L-implementazzjoni ta' dawn il-programmi ta' miżuri hija suġġetta għat-terminu addizzjonali ta' tliet snin, jiġifieri sat-22 ta' Diċembru 2012.

46. Jiġifieri huwa biss mit-22 ta' Diċembru 2009 li l-pjanijiet u l-programmi ċċitati iktar 'il fuq kellhom jeżistu u jitniedu. Sal-aħħar tas-sena d-dieħla, il-programmi ta' miżura għandhom ikunu diġà implementati. L-awtoritajiet Griegi huma wkoll marbuta, sa mill-2009, li japplikaw l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma: fi kliem ieħor, għandhom jivverifikaw jekk, fir-rigward tal-għanijiet ambjentali, il-miżuri preċedentement awtorizzati — bħal pereżempju l-proġett ta' devjazzjoni — għadx jistgħu jitwettqu jew jistgħux jiġu emendati u anki abbandunati.

16 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-32/05, Ġabra 2006, p. I-11323, b'mod partikolari fil-punt 63) fejn ma hemmx kwistjoni dwar il-validità ta' dan it-terminu għall-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

47. Iżda l-obbligi li ilhom jeżistu mill-aħħar tal-2009 jistgħu ma jkollhom l-ebda effett dirett fuq il-kawża prinċipali, li tikkonċerna l-validità tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi 3481/2006. Jeħtieġ fil-fatt li jitqies, li f'dan ir-rigward, skont id-dritt proċedurali nazzjonali applikabbli, huwa d-dritt li jkun fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni li huwa determinanti. Irid jingħad li fl-2006, skont l-Artikolu 13(6), kif ukoll l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva qafas, l-eżistenza ta' pjanijiet ta' ġestjoni jew ta' programmi ta' miżuri ma kinitx għadha mandatorja. Mingħajr tali pjanijiet u programmi, l-obbligi tal-Artikolu 4 ma setgħux japplikaw, minkejja l-fatt li t-terminu għat-traspożizzjoni kien skada.

48. Madankollu pjanijiet ta' ġestjoni għall-ixmajjar Acheloos u Pineios ġew adottati permezz tal-Artikolu 13(2) tal-Liġi 3481/2006. Jekk il-Kunsill tal-Istat kellu jiddikjara li l-pjanijiet huma fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, ikun jista' wkoll jasal għall-konklużjoni li l-proġett inkwistjoni jappartjeni għal programm ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 11 tad-direttiva.

49. Konsegwentement, il-kwistjoni setgħet ukoll tiġi interpretata bħala waħda li kienet qed tistaqsi jekk l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma kienx diġà applikabbli fil-mument meta t-termini stabbiliti għas-sodisfazzjon tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu ma kinux għadhom skadew, għalkemm dawn il-kundizzjonijiet kienu diġà sodisfatti.

50. F'dan ir-rigward, jeħtieġ l-ewwel nett li jiġi ddikjarat li skont is-sistematika tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, tali obbligu ma kienx għadu jeżisti fil-mument iċċitat iktar 'il fuq. L-obbligu tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ma nħoloqx ħlief mal-iskadenza tat-terminu stabbilit għall-iffissar ta' pjanijiet ta' ġestjoni u ta' programmi ta' miżuri. Qabel dan il-mument, id-dritt tal-Unjoni kien għadu jippermetti li l-Artikolu 4 ma jiġix applikat.

51. Dan ma jeskludix li d-dispożizzjonijiet tad-*dritt intern* li jittrasponu d-Direttiva Qafas dwar l-ilma — u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu — kienu applikabbli, irrispettivament mid-dritt tal-Unjoni, għall-pjanijiet ta' ġestjoni u programmi ta' miżuri stabbiliti b'mod prematur[17]. Normalment, ir-rieda tal-leġiżlatur li jkun qed iwettaq it-traspożizzjoni, tkun li pjanijiet u programmi bħal dawn jiġu applikati bl-istess mod qabel u wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit biex jiġu stabbiliti.

52. F'din il-kawża teżisti, madankollu, partikolarità: il-pjan ta' ġestjoni inkwistjoni u l-eventwali miżuri — b'mod partikolari l-awtorizzazzjoni tal-proġett ikkontestat — ġew adottati taħt forma ta' liġi li temenda d-dispożizzjonijiet Griegi li jittrasponu d-Direttiva Qafas dwar l-ilma[18]. Jidher għalhekk improbabbli li d-dritt nazzjonali li ttraspona d-Direttiva Qafas dwar l-ilma jista' jkun kontra l-proġett kontenzjuż.

53. Jeħtieġ għalhekk li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun fis-sens li, l-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ċertament li ma jistabbilixxux terminu għall-implementazzjoni tal-Artikolu 4 tad-direttiva iżda biss terminu massimu biex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni u programmi ta' miżuri; iżda qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu, id-direttiva ma timponix l-implementazzjoni tal-Artikolu 4.

54. Fid-dawl ta' din ir-risposta, irid jingħad li d-domandi 2 u 3 — magħmula kundizzjonalment u li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet imposti bid-Direttiva Qafas dwar l-ilma, fuq id-devjazzjoni tal-ilma lejn distretti oħra idrografiċi — ma għadx għandhom interess għall-Kunsill tal-Istat. Madankollu huma jistgħu jkunu utli biex jiġu ddeterminati l-effetti antiċipati tad-direttiva. Għalhekk ser jitqajmu sussidjarjament fit-titoli 2, 3, 4 u 5.

17 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Settembru 2006 (Cordero Alonso, C-81/05, Ġabra 2006, p. I-7569, punt 29) u tal-21 ta' Lulju 2011 (Azienda Agro-Zootecnica Franchini u Eolica di Altamura, C-2/10, Ġabra p. I-6561, punt 70).

18 — Ara, fil-kuntest ġuridiku, il-punt 27.

2. Fuq l-ewwel parti tat-tielet domanda — kemm hija legali d-devjazzjoni tal-ilma lejn distretti oħra idrografiċi

55. Fl-ewwel lok jeħtieġ li tiġi eżaminata l-ewwel parti tat-tielet domanda, jiġifieri li jiġi stabbilit jekk il-prinċipju nnifsu tad-devjazzjoni tal-ilma minn distrett ta' baċin tax-xmara, lejn distrett ta' baċin tax-xmara fil-viċin, jistax ikun kompatibbli mad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

56. F'dan ir-rigward, il-Kunsill tal-Istat jiddikjara li d-Direttiva Qafas dwar l-ilma ma fiha l-ebda dispożizzjoni relatata mad-devjazzjoni tal-ilma bejn id-distretti idrografiċi. Huwa għalhekk ġustament li ma jqisx li d-devjazzjoni tal-ilma hija totalment ipprojbita.

57. Dan mhux qed jitqajjem minħabba l-fatt — enfasizzat mill-Kunsill tal-Istat — li d-direttiva EIA tikkwota fl-Anness I tagħha, fil-punt 12, "xogħlijiet għat-trasferiment tar-riżorsi tal-ilma bejn il-baċini tax-xmajjar". DEI ġustament tesponi li d-Direttiva EIA ma tawtorizzax, kif lanqas ma tipprojbixxi x-xogħlijiet imsemmija fl-annessi tagħha. Id-devjazzjoni tal-ilma bejn żewġ distretti idrografiċi tista' taffettwa l-ambjent b'mod sinjifikattiv. Wieħed għalhekk jista' jistenna li din tkun inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Madankollu, l-Artikolu 4 jippermetti, taħt ċerti kundizzjonijiet, derogi minn dawn l-għanijiet.

58. L-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma huwa għalhekk determinanti.

a) Fuq l-obbligi tal-protezzjoni u tar-restawr riżultanti mill-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma

59. L-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jimponi l-obbligu tal-prevenzjoni kontra d-deterjorazzjoni tal-istat tal-mases kollha tal-ilma tal-wiċċ u tat-tpoġġija fi stat tajjeb, sa mhux iktar tard mill-2015. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-mases ta' ilma artifiċjali jew sostanzjalment immodifikati, dawn għandhom għall-inqas jilħqu potenzjal ekoloġiku jew stat kimiku tajjeb.

60. Il-klassifikazzjoni potenzjali tal-Acheloos bħala massa ta' ilma artifiċjali u sostanzjalment immodifikata għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Madankollu, klassifikazzjoni bħal din tidher improbabbli sakemm il-proġett ta' devjazzjoni ma jitwettaqx. Konsegwentement inqis li l-imsemmija xmara mhix massa ta' ilma artifiċjali u sostanzjalment immodifikata.

61. Għalhekk il-Greċja hija fil-prinċipju marbuta, skont l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, li tħares kontra kull deterjorazzjoni ġdida u anki li tieħu l-miżuri sabiex tpoġġi mill-ġdid lil din ix-xmara fi stat tajjeb, kemm-il darba l-istat tagħha mhux wieħed tajjeb. Il-Greċja għandha għalhekk telimina l-effetti negattivi tal-proġetti eżistenti u d-deterjorazzjonijiet tal-ilmijiet li seħħew fil-passat.

b) Fuq l-applikazzjoni għall-proġetti tal-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma

62. L-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ma fihx biss obbligi ta' prinċipju iżda jikkonċerna wkoll proġetti konkreti, għall-inqas meta dawn jaffettwaw b'mod tanġibbli l-istat ta' massa tal-ilma. Fil-fatt, l-Artikolu 4(7) jawtorizza, taħt ċerti kundizzjonijiet, id-deterjorazzjoni tal-istat tal-ilmijiet minħabba modifiki ġodda. Dawn il-modifiki jistgħu b'mod partikolari jikkonsistu f'xogħlijiet.

63. Għalhekk, il-proġett ta' devjazzjoni għandu fil-prinċipju jkun ukoll inkluż fil-programm ta' miżuri għad-distrett ta' baċin tax-xmara tal-Acheloos. Fil-fatt, skont il-parti B tal-Anness VI tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, tali programmi jistgħu jinkludu b'mod partikolari kontrolli fuq l-estrazzjoni (punt viii) u proġetti ta' kostruzzjoni (punt xi).

c) Dwar l-istat tajjeb tal-ilmijiet

64. L-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jista' għalhekk ikun ta' ostakolu għad-devjazzjoni tal-ilma lejn distrett ieħor ta' baċin tax-xmara, meta din ma tippermettix il-konservazzjoni u r-restawr ta' stat tajjeb tal-ilmijiet.

65. Id-Direttiva Qafas dwar l-ilma tiddefinixxi l-istat tal-ilmijiet mixtieq. Skont l-Artikolu 2(18) tagħha, l-istat ta' massa ta' ilma tal-wiċċ huwa tajjeb meta l-istat ekoloġiku u l-istat kimiku tiegħu huma għall-inqas "tajbin". Skont l-Artikolu 2(24), stat kimiku tajjeb huwa relatat mal-konċentrazzjoni ta' pollutanti. Ir-rekwiżiti marbuta ma' stat ekoloġiku tajjeb jirriżultaw mill-Artikolu 2(22) kif ukoll mill-Anness V.

66. Id-devjazzjoni parzjali ta' xmara, jiġifieri l-estrazzjoni ta' kwantitajiet kbar ta' ilma minn distrett ta' baċin tax-xmara, ċertament li mhix stabbilita espressament fil-kriterji għall-istat tajjeb ta' mases ta' ilma tal-wiċċ. Iżda l-Kummissjoni tissottometti, b'mod kredibbli, il-fatt li l-akkumulu ta' ilma tal-wiċċ bl-għan tad-devjazzjoni parzjali tiegħu, jaffettwa l-istat tiegħu. It-tnaqqis ta' kwantitajiet ta' ilma jista' wkoll jaffettwa l-istat ekoloġiku jew kimiku tal-massa tal-ilma. B'hekk, skont il-punt 1.1.1 tal-Anness V tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, l-evalwazzjoni tal-istat ta' xmara għandha wkoll tirrigwarda s-sistema idroloġika — inkluż b'mod partikolari l-fluss tal-ilma — u l-kundizzjonijiet morfoloġiċi — inkluża b'mod partikolari l-varjazzjoni fil-fond u l-wisa' tax-xmara, l-istruttura u s-sottostratigrafija tal-qiegħ, kif ukoll l-istruttura tax-xatt. Bl-istess mod, il-punt (viii) tal-Parti B tal-Anness VI jistabbilixxi li l-programmi ta' miżuri jistgħu jinkludu kontrolli fuq l-estrazzjoni; il-punt (i) tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 8(1), jistabbilixxi s-sorveljanza tal-volum u tal-livell jew tal-fluss sa fejn hija rilevanti għall-istat ekoloġiku u kimiku u għall-potenzjal ekoloġiku; fl-aħħar nett, skont il-premessa 41, għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwantitajiet ta' ilma disponibbli, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti prinċipji ġenerali għall-kontroll tal-estrazzjoni u l-ġbir biex tkun żgurata l-vijabbiltà ambjentali tas-sistemi idroloġiċi kkonċernati.

67. Jekk konsegwentement il-Kunsill tal-Istat kellu jasal għall-konklużjoni li l-proġett ta' devjazzjoni jrendi impossibbli l-konservazzjoni jew ir-restawr ta' stat tajjeb tal-ilmijiet, l-imsemmi proġett ikun inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

d) Fuq id-deroga mill-għanijiet ambjentali

68. Ksur tal-għanijiet ambjentali ma jikkostitwixxix madankollu ostakolu insurmontabbli għat-twettiq tal-proġett. Fil-fatt, l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma fih ukoll dispożizzjonijiet għad-deroga mill-għanijiet ambjentali.

69. L-Artikolu 4(4) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jippermetti li jiġu estiżi t-termini stabbiliti għall-kisba ta' stat tajjeb. Huwa prinċipalment l-obbligu tar-restawr tal-ilmijiet li huwa kkonċernat. Il-projbizzjoni tad-degradazzjoni tal-ilmijiet lanqas ma hija mxejna. Din id-dispożizzjoni mhix applikabbli għall-awtorizzazzjoni ta' miżura li tiddeterjora l-istat tal-ilmijiet.

70. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jippermetti li jiġu stabbiliti għanijiet ambjentali inqas stretti għal ċerti mases ta' ilma partikolari, meta dawn tal-aħħar ikunu tant milquta mill-attività umana li t-twettiq ta' dawn l-għanijiet ikun impossibbli jew jilħaq spiża sproporzjonata, u ċerti kundizzjonijiet addizzjonali huma sodisfatti. Din id-dispożizzjoni tista' tkun ta' importanza wara t-twettiq tal-proġett ta' devjazzjoni, iżda ma tistax tkun applikabbli għall-awtorizzazzjoni tal-imsemmi proġett.

71. L-Artikolu 4(6) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma lanqas ma huwa rilevanti inkwantu dan jikkonċerna biss id-deterjorazzjoni temporanja tal-istat tal-ilmijiet.

72. F'każ ta' proġett ġdid, bħalma huwa l-każ f'din il-kawża, huwa, kuntrarjament, abbażi tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma li għandu jiġi evalwat jekk id-deroga hijiex legali meta mqabbla mal-għanijiet ambjentali. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi b'mod dettaljat kif il-proġetti l-ġodda jistgħu jiġġustifikaw deroga, abbażi ta' interessi iktar importanti, meta mqabbla mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1). L-Artikolu 4(8) u (9) jistabbilixxi kundizzjonijiet addizzjonali għad-deroga mill-paragrafu 1. Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(7) sa (9) ser jiġu parzjalment evokati fil-partijiet l-oħra tat-tieni u t-tielet domanda preliminari.

73. Fil-qosor, kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tirrispondi għall-ewwel parti tat-tielet domanda tal-Kunsill tal-Istat, ikun meħtieġ li tingħata r-risposta segwenti: l-awtorizzazzjoni għat-trasferiment tal-ilma minn distrett ta' baċin tax-xmara għal distrett ta' baċin tax-xmara fil-viċinat huwa kompatibbli mad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, jekk tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4(1),(7),(8) u (9) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

3. Fuq it-tieni domanda — il-ħtieġa li jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi

74. Permezz tat-tieni domanda tiegħu, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk dispożizzjoni nazzjonali hijiex kompatibbli mad-Direttiva Qafas dwar l-ilma meta tawtorizza t-trasferiment tal-ilma minn ċertu baċin tax-xmara lejn ieħor, mingħajr ma jkunu ġew preliminarjament redatti l-pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi fejn ikunu jinsabu l-imsemmija baċini idrografiċi.

75. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, din id-domanda tidher li hija ipotetika, inkwantu l-Liġi 3481/2006 tinkludi fiha pjanijiet ta' ġestjoni għaż-żewġ baċini idrografiċi. Ma jidhirx li hemm, f'kull distrett ta' baċin tax-xmara, baċini idrografiċi addizzjonali mhux koperti mill-pjanijiet ta' ġestjoni. Madankollu, hija l-validità tal-pjanijiet ta' ġestjoni li hija kkontestata. Il-Kunsill tal-Istat iqis barra minn hekk li skont l-Artikoli 3(1), 5(1), 11(1) u 13(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, il-pjanijiet ta' ġestjoni u l-programmi ta' miżuri ma għandhomx jiġu deċiżi individwalment għall-baċini idrografiċi speċifiċi, kif huwa l-każ f'din il-kawża, iżda, kuntrarjament, li huwa meħtieġ l-ippjanar globali fil-livell nazzjonali u reġjonali. Fin-nuqqas, skont il-Kunsill tal-Istat, ma jkunx permess li l-ilma jiġi ddevjat minn distrett ta' baċin tax-xmara lejn ieħor. Għalhekk mhix biss kwistjoni li jiġi stabbilit jekk jeżistux pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi konkretament ikkonċernati, iżda jekk jeżistux pjanijiet għall-bqija tat-territorju Grieg.

76. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, il-baċini kollha idrografiċi huma inkorporati f'distretti idrografiċi. Skont l-Artikolu 13(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tħejjija ta' pjan ta' ġestjoni għal *kull* distrett ta' baċin tax-xmara li jinsab kollu kemm hu fit-territorju tiegħu. Skont l-Artikolu 11(1), kull Stat Membru għandu jiżgura wkoll it-tħejjija, għal *kull* distrett ta' baċin tax-xmara jew għal dik il-parti tad-distrett ta' baċin tax-xmara internazzjonali li tinsab fit-territorju tiegħu, ta' programm ta' miżuri li jqis ir-riżultati tal-analiżi — li jridu jitwettqu preliminarjament — previsti fl-Artikolu 5, biex jitwettqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

77. Jekk l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jistabbilixxu, qabel l-iskadenza, pjan ta' ġestjoni għall kull distrett ta' baċin tax-xmara, madankollu, ma jirriżultax immedjatament mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq li d-devjazzjoni tal-ilma bejn id-distretti idrografiċi hija pprojbita, kemm-il darba jkun hemm pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti kollha idrografiċi tal-Istat Membru.

78. Kif diġà ntqal, l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jista' madankollu jkun ta' ostakolu għal tali devjazzjoni, jekk din tal-aħħar ma tkunx tippermetti l-konservazzjoni jew ir-restawr tal-istat tajjeb tal-massa tal-ilmijiet tal-wiċċ. F'din il-kawża, id-devjazzjoni ma tkunx leċita ħlief jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4(7) jiġu sodisfatti.

79. Skont l-Artikolu 4(7)(b) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, ir-raġunijiet għall-proġett li jmorru kontra l-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) għandhom ikunu indikati fil-pjan ta' ġestjoni tad-distrett ta' baċin tax-xmara, rikjest skont l-Artikolu 13 u l-għanijiet għandhom jiġu reveduti kull sitt snin. Barra minn hekk, għal kull deroga, l-Artikolu 4(8) jimponi li l-imsemmija deroga ma timpedixxix jew ma tikkompromettix, għal tul ta' żmien, it-twettiq tal-għanijiet tad-direttiva f'mases oħra tal-ilma fl-istess distrett ta' baċin tax-xmara.

80. Minn dan jirriżulta li d-distretti idrografiċi kkonċernati għandhom ikunu s-suġġett ta' analiżi ddettaljata u li l-ġestjoni tagħhom għandha tkun ġiet ippjanata, qabel ma jkunu jistgħu jittieħdu miżuri li huma inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

81. Kuntrarjament, id-Direttiva Qafas dwar l-ilma ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tissuġġetta espressament tali miżuri għall-analiżi ta' distretti oħra idrografiċi jew għat-tħejjija ta' pjanijiet ta' ġestjoni għall-baċini ta' dawn id-distretti. Tali pjanijiet u analiżi jistgħu biss ikunu utli f'każijiet iżolati, meta r-rikors għal distretti idrografiċi oħra jkun jikkostitwixxi alternattiva possibbli għad-devjazzjoni prevista.

82. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għal din id-domanda, ikun konsegwentement meħtieġ li tiddikjara li d-distretti idrografiċi kkonċernati għandhom ikunu s-suġġett ta' analiżi profonda u li l-ġestjoni tagħhom għandha tkun ippjanata, qabel ma jkunu jistgħu jittieħdu miżuri li huma inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. L-analiżi ta' distretti idrografiċi oħra u, għalhekk, il-pjanijiet ta' ġestjoni għall-baċini idrografiċi ta' dawn id-distretti ma humiex meħtieġa, kemm-il darba r-rikors għal dawn id-distretti idrografiċi ma jkunx jikkostitwixxi alternattiva possibbli għall-miżuri previsti.

4. Fuq it-tieni parti tat-tielet domanda — l-għanijiet legali ta' devjazzjoni

83. Permezz tat-tieni parti tat-tielet domanda tiegħu, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk it-trasferiment jistax ikollu bħala għan esklużiv tiegħu, is-sodisfazzjon tal-ħtieġa tal-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb jew jistax iservi wkoll għall-irrigazzjoni u għall-produzzjoni tal-enerġija.

84. F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 4(7)(ċ) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jirriżulta li l-modifiki għandhom iwieġbu għal interess ġenerali suprem u/jew li l-benefiċċji għall-ambjent u għas-soċjetà li huma marbuta mat-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom ikunu inferjuri għall-benefiċċji għas-saħħa umana, għaż-żamma tas-sigurtà tal-persuni jew għall-iżvilupp sostenibbli li jirriżultaw mill-modifiki l-ġodda.

85. Normalment, provvista suffiċjenti ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb lill-popolazzjoni, tissodisfa interess ġenerali suprem u huwa barra minn hekk, fil-prinċipju, ta' importanza kbira għas-saħħa umana. Għalhekk, il-premessa 15 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma tikklassifika l-provvista tal-ilma bħala servizz ta' interess ġenerali.

86. Min-naħa l-oħra, l-amministrazzjonijiet tal-prefettura ta' Karditsa u ta' Trikala ġustament jenfasizzaw li, minbarra l-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb, l-Artikolu 4(3)(a)(iii) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jirrikonoxxi wkoll, fil-prinċipju, il-produzzjoni tal-elettriku jew l-irrigazzjoni, bħala interessi ġenerali leġittimi. Madankollu, l-aħħar żewġ interessi msemmija huma inqas importanti mill-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb, sakemm in-natura tagħhom tkun prinċipalment ta' natura ekonomika.

87. Xorta jibqa' l-fatt li, minkejja l-effetti ħżiena tagħha fuq l-ambjent, l-enerġija idrawlika hija eżempju tipiku tal-produzzjoni tal-enerġija sostenibbli.

88. Wieħed ma għandux, barra minn hekk, jonqos milli fl-ewwel lok iqis l-irrigazzjoni tal-uċuħ agrikoli bħala interess suprem jew — eventwalment — bħala miżura ta' żvilupp sostenibbli. Il-fatt li tiġi permessa l-irrigazzjoni f'ċerti żoni jista' fil-fatt jikkostitwixxi għan leġittimu tal-politika agrikola ta' Stat Membru.

89. Madankollu, ir-rikonoxximent ta' tali għanijiet mhux bilfors ifisser li dawn tal-aħħar jiġġustifikaw il-proġett. Fil-fatt, iż-żewġ varjanti fil-mira li jiġġustifikaw proġett imsemmi fl-Artikolu 4(7)(ċ) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, jimplikaw li jiġu bbilanċjati, minn naħa, l-utilità tal-miżura u, min-naħa l-oħra, l-effetti negattivi tagħha fuq il-konservazzjoni jew ir-restawr tal-istat tajjeb tal-ilmijiet. Dan il-bilanċ huwa espressament previst għall-miżuri li jservu lis-saħħa umana, il-manteniment tas-sigurtà tal-persuni jew l-iżvilupp sostenibbli. *A fortiori*, interess ġenerali ieħor — li min-natura tiegħu jkun inqas importanti — favur miżura partikolari, għandu jipprevali fuq il-konsegwenzi negattivi tal-miżura, biex ikun jista' jkun "suprem".

90. Għall-finijiet ta' dan il-bilanċ, l-Istati Membri għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni, sa fejn tirrigwarda deċiżjoni kumplessa li tinvolvi fatturi pronostiċi [19]. Madankollu, għal dak li għandu x'jaqsam mal-interess tal-irrigazzjoni, huwa meħtieġ b'mod partikolari li jittieħed inkunsiderazzjoni l-argument imressaq mill-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et* li t-tkabbir tal-qoton jista' jkun partikolarment żvantaġġjuż għall-ambjent [20]. L-interess favur forma agrikola li hija partikolarment ta' ħsara għandha biss importanza limitata. Iżda kuntrarjament għal dak li tikkonferma l-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et*, ma jistax jiġi ddikjarat b'mod assolut li l-politika agrikola Ewropea għandha pożizzjoni ostili fil-konfront tat-tkabbir tal-qoton. Anzi għall-kuntrarju, is-sostenn ta' dan it-tkabbir huwa dejjem kopert mid-dritt primarju — jiġifieri l-Protokoll Nru 4 dwar il-qoton, anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Greċja [21] — u għalhekk huwa wkoll implementat fid-dritt idderivat [22].

91. Huwa meħtieġ għalhekk, jekk ikun il-każ, li r-risposta għat-tieni parti tat-tielet domanda tkun li abbażi tal-Artikolu 4(7)(ċ) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, l-għanijiet tal-provvista tal-ilma, tal-irrigazzjoni u tal-provvista tal-enerġija jkunu jistgħu jiġġustifikaw il-miżuri inkompatibbli mal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) meta l-kontribuzzjonijiet ta' dawn il-miżuri għall-kisba tal-għanijiet iċċitati iktar 'il fuq, ikunu jipprevalu fuq il-preġudizzju kkawżat lill-għanijiet ambjentali.

### 5. Dwar it-tielet parti tat-tielet domanda — it-tiftix ta' alternattivi

92. Fost elementi oħra, it-tielet sottodomanda tat-tielet domanda hija importanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-piż li għandhom l-għanijiet iċċitati iktar 'il fuq. Fi kwalunkwe każ, huwa meħtieġ, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-direttiva, li l-amministrazzjoni tkun qieset, b'mod immotivat li huwa impossibbli għad-distrett ta' baċin tax-xmara li qiegħed jirċievi li jissodisfa, permezz tar-riżorsi akwatiċi tiegħu, il-ħtiġijiet tiegħu ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb, ta' irrigazzjoni, eċċ.

19 — Ara b'mod partikolari, f'dan is-sens, fil-qasam tal-politika soċjali u tal-impjieg, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 1999, Albany (C-67/96, Ġabra 1999, p. I-5751, punt 119); tal-11 ta' Settembru 2003, Steinicke (C-77/02, Ġabra 2003, p. I-9027, punt 61); tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, Ġabra 2005, p. I-9981, punt 63) u tad-29 ta' Lulju 2010, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-54/09 P, Ġabra p. I-7537, punti 41 u 68); fil-qasam tad-dritt tal-ambjent, ara l-konklużjonijiet tiegħi tat-13 ta' Marzu 2008, Commune de Mesquer (C-188/07, Ġabra 2008, p. I-4501, punt 125) u tat-23 ta' April 2009, Futura Immobiliare *et* (C-25/08, Ġabra 2009, p. I-6995, punt 58).

20 — Ara l-premessa 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1051/2001, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-għajnuna għall-produzzjoni tal-qoton (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 32, p. 332), li issa huwa abrogat: "l-koltivazzjoni tal-qoton f'reġjuni li ma jkunux addattati għaliha x'aktarx li jkollha effetti ta' ħsara fuq l-ambjent kif ukoll fuq l-ekonomija agrikola ta' dawk ir-reġjuni fejn dan il-prodott ikun importanti. […]". Ara wkoll l-istudju ta' Alliance Environnement immexxi mill-Kummissjoni, *Evalwazzjoni ta' l-Effetti Ambjentali tal-Miżuri tal-PAK relatati mal-Qoton* (2007), ara http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/coton/index_fr.htm.

21 — ĠU L 291, p. 174.

22 — Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008, tat-23 ta' Ġunju 2008, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u li jistabbilixxi programmi ta' ristrutturazzjoni nazzjonali għas-settur tal-qoton (ĠU L 178, p. 1), fil-verżjoni emendata permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 472/2009, tal-25 ta' Mejju 2009 (ĠU L 144, p. 1).

93. Kif tissottometti l-Kummissjoni, il-ħtieġa li jiġu evalwati l-ħtiġijiet tad-distrett ta' baċin tax-xmara li qed jirċievi, tirriżulta mit-tiftix għal soluzzjonijiet alternattivi previst fl-Artikolu 4(7)(d) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Għalhekk, biex id-deroga mill-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tkun tista' tiġi ġġustifikata, jeħtieġ ukoll li l-għanijiet benefiċjali segwiti mill-modifiki tal-massa tal-ilma ma jistgħux, għal raġunijiet ta' twettiq tekniku jew spejjeż sproporzjonati, jiġu ppreġudikati b'mezzi oħra li jikkostitwixxu għażla ambjentali li hija sensibbilment aħjar.

94. Minn dan jirriżulta li qabel devjazzjoni, għandu jiġi eżaminat jekk id-distrett ta' baċin tax-xmara li qed jirċiervi jistax jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu permezz tar-riżorsi tiegħu stess bi spiża proporzjonata u jekk dan jikkostitwixxix għażla ambjentali li hija sensibbilment aħjar. F'dan il-kuntest, jeħtieġ ukoll li tiġi prevista bidla għat-tkabbir ta' uċuħ agrikoli oħra li jeħtieġu inqas irrigazzjoni [23].

95. Ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni jikkostitwixxi waħda mir-raġunijiet li jiġġustifikaw id-devjazzjoni potenzjali fid-dawl tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Skont l-Artikolu 4(7)(b) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, għandu għalhekk jirriżulta b'mod iddettaljat mill-pjan ta' ġestjoni.

96. Konsegwentement, jeħtieġ li r-risposta għat-tielet parti tat-tielet domanda tkun fis-sens li skont l-Artikolu 4(7)(b) u (d) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, għandu jintwera, fil-pjan ta' ġestjoni, li d-distrett ta' baċin tax-xmara li qed jirċievi ma jistax jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħu tal-ilma permezz tar-riżorsi tiegħu stess, bi spiża raġonevoli jew li tali għażla ma tkunx tikkostitwixxi għażla ambjentali li hija sensibbilment aħjar.

6. Fuq ir-raba' domanda — l-effetti antiċipati tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma

97. Il-Kunsill tal-Istat qed jagħmel ir-raba' domanda fl-ipoteżi li l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, b'mod partikolari, ma jkunx applikabbli *ratione temporis* għall-kawża preżenti. Fid-dawl tal-pożizzjoni li ħadt hawnhekk dwar l-ewwel domanda [24], jeħtieġ li għaldaqstant tingħata risposta.

98. Il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk, fiha nfisha, id-devjazzjoni tal-ilma minn baċin tax-xmara għall-ieħor, mingħajr ma jkunu preliminarjament ġew redatti l-pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi li fihom jinsabu l-imsemmija baċini idrografiċi, hijiex biżżejjed biex tikkomprometti l-effettività tad-direttiva, jew jekk kriterji bħalma huma l-portata tal-interventi previsti jew l-għanijiet tat-trasferiment tal-ilma għandhomx ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni.

a) Fuq il-ġurisprudenza li tikkonċerna l-effett antiċipat ta' direttivi

99. Din il-kwistjoni hija bbażata fuq il-ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li, qabel l-iskadenza tat-terminu għal traspożizzjoni ta' direttiva, l-Istati Membri li hija indirizzata lilhom għandhom jastjenu milli jadottaw dispożizzjonijiet ta' natura tali li tikkompromettі serjament ir-riżultat preskritt minn din id-direttiva. Peress li dan l-obbligu ta' astensjoni huwa impost fuq l-awtoritrajiet kollha, għandu wkoll jinftiehem li jirreferi għall-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura, ġenerali jew speċifika, li tista' tipproduċi tali effett ta' kompromess [25]. Dan l-obbligu ta' astensjoni huwa impost fuq l-Istati Membri, abbażi tal-Artikoli 4(3)TUE u 288(3)TFUE applikati flimkien, anki waqt il-perijodu tranżitorju li matulu huma awtorizzati jkomplu japplikaw is-sistemi nazzjonali tagħhom, anki jekk dawn ma jkunux konformi mad-direttiva inkwistjoni [26].

23 — Ara l-istudju ċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20, p. 12.

24 — Ara l-punt 53 iktar 'il fuq.

25 — Sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie (C-129/96, Ġabra 1997, p. I-7411, punt 45) u tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, Ġabra p. I-4599, punt 78, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 — Sentenzi tal-10 ta' Novembru 2005, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie (C-316/04, Ġabra 2005, p. I-9759, punt 42), tal-14 ta' Settembru 2006, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie (C-138/05, Ġabra 2006, p. I-8339, punt 42), kif ukoll is-sentenza Stichting Natuur en Milieu *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 79).

100. Minn dan jirriżulta li anki waqt il-perijodu tranżitorju intiż għall-istabbiliment ta’ pjanijiet ta’ ġestjoni u ta’ programmi ta’ miżuri, l-Istati Membri għandhom jastjenu milli jieħdu miżuri li huma ta’ natura tali li jikkompromettu serjament l-għanijiet stabbiliti bid-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

101. Fid-dawl tal-projbizzjoni tad-devjazzjoni stipulata fl-Artikolu 4(1)(a)(i) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, l-obbligu ċċitat iktar ’il fuq huwa iktar iġġustifikat milli għal direttivi oħra. Fil-fatt, l-għanijiet ambjentali ta’ dan it-test leġiżlattiv ma humiex limitati għall-projbizzjoni tad-deterjorazzjoni, jiġifieri l-obbligu li li jiġu impediti deterjorazzjonijiet; skont il-punt (ii) jiżdied, għall-kuntrarju, sa mhux iktar tard mill-iskadenza tal-perijodu tranżitorju stabbilit biex jiġu stabbiliti l-pjanijiet ta’ ġestjoni, l-obbligu tar-restawr, jiġifieri l-obbligu li jiġi ġġenerat stat tajjeb tal-ilmijiet. Ikun kontradittorju jekk fl-ewwel lok l-istat tal-ilmijiet jiġi ddeterjorat biex sussegwentement ikollu jiġi rrestawrat.

b) Fuq l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza legali

102. Il-prinċipji tal-aspettattivi leġittimi u taċ-ċertezza legali lanqas ma jipprekludu l-effett antiċipat tal-projbizzjoni mid-deterjorazzjoni.

103. Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jagħmel parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u għandu jiġi osservat mill-Istati Membri fl-implementazzjoni tagħhom tad-dritt tal-Unjoni [27]. Dan il-prinċipju jipprekludi li kwalunkwe emenda fid-dispożizzjoni applikabbli ċċaħħad retroattivament lill-persuna kkonċernata minn dritt li hija tkun akkwistat bis-saħħa tad-dispożizzjoni preċedenti [28]. Barra minn hekk, ir-regoli tad-dritt sostantiv tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma japplikawx għal sitwazzjonijiet miksuba qabel id-dħul tagħhom fis-seħħ, sakemm ma jirriżultax b’mod ċar mit-termini tagħhom, mill-għanijiet tagħhom jew mill-istruttura tagħhom li għandhom jiġu attribwiti dan l-effett [29].

104. Iżda f’din il-kawża, ma jeżisti l-ebda dritt miksub għall-awtorizzazzjoni tal-proġett ta’ devjazzjoni, peress li l-Kunsill tal-Istat annulla mill-ġdid l-awtorizzazzjonijiet kollha mogħtija preċedentement. Is-sitwazzjoni ma ġietx ikkonkretizzata kif rikjest [30]. Il-fatt biss li tinbeda proċedura ta’ awtorizzazzjoni mhux biżżejjed biex jiġi stabbilit dritt għal għoti ta’ din l-awtorizzazzjoni.

105. Il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi lanqas ma jinkiser jekk waqt il-proċedura ta’ awtorizzazzjoni, kundizzjonijiet iktar stretti jiġu applikati. Min-naħa l-oħra huwa legali, fil-prinċipju, li tiġi applikata leġiżlazzjoni ġdida għall-effetti futuri ta’ sitwazzjonijiet futuri taħt is-ssitema tal-leġiżlazzjoni preċedenti [31]. Fil-fatt, dan il-prinċipju ma jistax jiġi estiż sal-punt li jipprojbixxi, b’mod ġenerali, regola ġdida milli tapplika għall-effetti futuri ta’ sitwazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema tar-regola preċedenti [32].

106. Il-proċedura għall-awtorizzazzjoni li tkun għadha għaddejja għandha titqies bħala sitwazzjoni li qamet taħt is-sistema tar-regola preċedenti; id-deċiżjoni finali, li hija effett futur ta’ din is-sitwazzjoni, tiġi deċiża abbażi tal-leġiżlazzjoni l-ġdida [33]. Minn dan jirriżulta li l-aspettattivi leġittimi ma jistgħux jiġu invokati.

27 — Sentenzi tas-26 ta’ April 1988, Krücken (316/86, Ġabra 1988, p. 2213, punt 22) u tal-11 ta’ Lulju 2002, Marks & Spencer (C-62/00, Ġabra 2002, p. I-6325, punt 44, mal-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

28 — Ara, għal dak li għandu x’jaqsam mad-dritt tar-rimbors ta’ taxxa eċċessiva imħallsa, is-sentenza tat-12 ta’ Mejju 2011 (Enel Maritsa Iztok 3, C-107/10, Ġabra p. I-3873, punt 39 u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

29 — Sentenzi tad-29 ta’ Jannar 2002, Pokrzeptowicz-Meyer (C-162/00, Ġabra 2002, p. I-1049, punt 49) u tal-11 ta’ Diċembru 2008, Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (C-334/07 P, Ġabra 2008, p. I-9465, punt 44).

30 — Sentenza tal-21 ta’ Jannar 2003, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-512/99, Ġabra 2003, p. I-845, punt 45).

31 — Sentenzi tad-29 ta’ Ġunju 1999, Butterfly Music (C-60/98, Ġabra 1999, p. I-3939, punt 25, mal-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata), Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 29, punt 43) u tal-14 ta’ Jannar 2010, Stadt Papenburg (C-226/08, Ġabra 2010, p. I-131, punt 46).

32 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Freistaat Sachsen (iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 29, punt 43, u l-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

33 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 30, punti 46 *et seq*).

107. Madankollu, l-effett antiċipat tal-projbizzjoni ta' deterjorazzjoni huwa limitat minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' emendi fundamentali fid-dritt proċedurali għal proċeduri li jkunu diġà nbdew meta d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttiva jkunu daħlu fis-seħħ. Ċertament li r-regoli proċedurali huma ġeneralment preżunti li japplikaw għall-kawżi kollha li jkunu pendenti fil-mument meta daħlu fis-seħħ [34]. Iżda kif jenfasizzaw l-amministrazzjonijiet ta' Thessalie kif ukoll DEI, kemm fil-qasam tad-dritt tal-ambjent [35] kif ukoll tal-kuntratti pubbliċi [36], il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat, anki wara l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni, li tapplika emendi fid-dritt proċedurali li kienu importanti, għal proċeduri li kienu pendenti. F'dawn is-sentenzi, il-kwistjoni kienet waħda ta' twettiq, fi proċeduri ta' awtorizzazzjoni li kienu pendenti, ta' evalwazzjonijiet addizzjonali skont id-Direttiva EIA, li kien jirrikjedi studji li jiswew ħafna flus u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku; f'kawżi relatati ma' kuntratti pubbliċi, il-kwistjoni kienet waħda li jiġi stabbilit jekk ir-rekwiżiti tad-Direttiva 93/38/KEE [37] dwar il-formalitjiet tas-sejħiet għall-offerti kellhomx jiġu osservati fi proċeduri ta' għoti pendenti. Il-qorti xtaqet tevita li proċeduri, li kienu diġà kumplessi fil-livell nazzjonali u formalment mibdija qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' direttiva, jittaqqlu u jiddewmu minħabba rekwiżiti speċifiċi imposti minn din tal-aħħar, u li sitwazzjonijiet li kienu diġà stabbiliti jiġu affettwati minnha [38]. Barra minn hekk, l-effett antiċipat tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ma għandux jirriżulta fil-ħolqien ta' tali stadji proċedurali addizzjonali. Huwa meħtieġ mandankollu li tiġi distinta l-applikazzjoni tar-rekwiżiti riżultanti mid-dritt sostantiv — pereżempju l-projbizzjoni mid-deterjorazzjoni [39].

108. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-portata preċiża tal-effetti antiċipati tal-projbizzjoni ta' deterjorazzjoni, ir-rimarki dwar l-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma magħmula fil-kuntest tat-tieni u t-tielet domanda jistgħu jkunu ta' ċerta utilità. Madankollu, kwalunkwe theddida ta' ksur tal-Artikolu 4 ma tqiegħedx awtomatikament f'periklu serju l-għanijiet tad-direttiva. Dan il-periklu għandu kuntrarjament *jippersisti* anki wara l-iskadenza tat-terminu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 u dan mhux biss provviżorjament. Il-periklu għandu barra minn hekk ikun serju, jiġifieri għandu jkun ta' ċerta portata. Fl-aħħar nett, l-effetti antiċipati tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma ma għandhomx jaslu biex jobbligaw lill-Istati Membri jadottaw b'mod prematur, qabel l-iskadenzi espressament stipulati, il-miżuri meħtieġa għat-tħejjija tal-applikazzjoni tad-direttiva jew l-obbligu tar-restawr.

c) Il-każ preżenti

109. Fil-każ preżenti, huwa meħtieġ għalhekk li jsiru r-rimarki segwenti:

110. In-natura kontinwa tal-proġett ta' devjazzjoni hija evidenti. Huwa l-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u eventwalment tal-Kunsill tal-Istat li jevalwaw jekk iqiegħedx f'periklu serju l-għanijiet tad-direttiva.

111. Madankollu, wieħed ma jistax jikkonferma t-tqegħid f'periklu serju, minħabba r-raġuni unika li d-devjazzjoni titwettaq qabel l-eżistenza ta' pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti implikati. Jekk, fid-dawl tar-rimarki magħmula dwar it-tieni domanda [40], tali pjanijiet ikunu ċertament meħtieġa wara l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju, madankollu, jista' jirriżulta, irrispettivament minn dawn il-pjanijiet, li d-devjazzjoni ma tiksirx jew tikser ftit biss l-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

34 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Novembru 1981 (Meridionale Industria Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, Ġabra 1981, p. 2735, punt 9), tal-1 ta' Lulju 2004 (Tsapalos u Diamantakis, C-361/02 u C-362/02, Ġabra 2004, p. I-6405, punt 19) u tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni (C-201/09 P u C-216/09 P, Ġabra p. I-2239, punt 75).

35 — Sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1998, Gedeputeerde Staten van Noord-Holland (C-81/96, Ġabra 1998, p. I-3923, punt 23) u

36 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ottubru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (C-337/98, Ġabra 2000, p. I-8377, punti 35 *et seq*).

37 — Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 194).

38 — Sentenzi Gedeputeerde Staten van Noord-Holland u Lauteracher Ried, iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35.

39 — Ara, għal dak li għandu x'jaqsam mad-Direttiva dwar l-habitats, il-konklużjonijiet tiegħi tat-28 ta' Ġunju fil-kawża li għadha pendenti, Il-Kummissjoni vs Spanja (Alto Sil, C-404/09, punti 69 *et seq*).

40 — Ara l-punti 75 *et seq* iktar 'il fuq.

112. L-ewwel stadju biex jiġi vverifikat jekk id-devjazzjoni tqiegħedx f'periklu serju l-għanijiet tad-Direttiva Qafas, jikkonsisti għalhekk fl-eżami, fid-dawl tal-kriterji tad-direttiva, tal-konsegwenzi tal-proġett fuq l-għanijiet tal-Artikolu 4(1).

113. Jekk jiġi konkluż għalhekk li l-għanijiet huma serjament kompromessi, ikun meħtieġ ukoll li jiġi vverifikat jekk il-miżura hijiex iġġustifikata. Fil-fatt, qabel l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju, il-libertà fl-aġir ma tistax tiġi iktar ristretta milli għall-applikazzjoni kompleta tad-direttiva. Mill-bqija, kif diġà enfasizzajt, il-ksur tal-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jista' jiġi ġġustifikat.

114. Hemm żewġ bażijiet legali possibbli għal din il-ġustifikazzjoni: minn naħa, it-trattament tal-proġett bħala modifika ġdida tal-karatteristiċi fiżiċi tal-massa tal-ilma tal-wiċċ, jiġifieri bħala attività ta' żvilupp sostenibbli fis-sens tal-Artikolu 4(7) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma[41]; u min-naħa l-oħra, it-trattament tal-massa tal-ilma li diġà ġiet affettwata mill-attività umana, fis-sens tal-Artikolu 4(5). Din l-aħħar klassifikazzjoni tirrendi ġustifikazzjoni iktar faċli. Iż-żewġ bażijiet legali ċċitati iktar 'il fuq għandhom japplikaw fid-dawl tal-Artikolu 4(8) u (9).

115. L-Artikolu 4(5) għadu ma ġiex invokat, peress li sa issa l-kwistjoni kienet waħda ta' modifiki *ġodda* fuq il-massa tal-ilma, li huma rregolati mill-Artikolu 4(7). Iżda fil-kuntest tal-effetti antiċipati tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, il-kwistjoni hija waħda ta' prevenzjoni ta' miżuri li jwasslu f'data *sussegwenti* — jiġifieri, mal-iskadenza fl-aħħar tal-2009 tal-perijodu tranżitorju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4 — sitwazzjoni li hija inkompatibbli mad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq. Jekk, għalhekk, il-Liġi 3481/2006 kellha bħala riżultat li l-Acheloos kien diġà affettwat b'mod sinjifikattiv mill-attività umana fl-aħħar tal-2009, dan l-effett u, għalhekk, il-liġi, għandhom jiġu kkontrollati fir-rigward tal-Artikolu 4(5).

116. Ċertament, mid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet jirriżulta li diga, b'mod partikolari, tista' tkun diġà tlestiet għalkemm id-devjazzjoni fiha nfisha ma tkunx għadha twettqet. Jidher għalhekk improbabbli li l-Acheloos diġà ġiet ippreġudikata mid-devjazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 4(5) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

117. Minn dan jirriżulta li anki biex jiġi eżaminat jekk il-proġett ta' devjazzjoni kienx jikkomprometti serjament l-għanijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, id-dispożizzjoni rilevanti hija probabbilment l-Artikolu 4(7) tad-Direttiva. F'dan ir-rigward nirreferi għar-rimarki magħmula dwar it-tieni u t-tielet domanda.

118. Iżda kuntrarjament għal dak li ser ikun rikjest waqt l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, lanqas ma huwa rikjest, fil-kuntest tal-ġustifikazzjoni tad-danni għall-għanijiet ambjentali tal-Artikolu 4(1) li l-pjanijiet ta' ġestjoni jkunu diġà eżistenti. Fil-fatt, skont il-formulazzjoni espressa tal-Artikolu 13(6), it-terminu għat-tħejjija ta' dawn il-pjanijiet kien għadu ma skadiex. Mill-bqija, l-adozzjoni tagħhom teħtieġ ħafna żmien minħabba l-parteċipazzjoni imperattiva tal-pubbliku[42]. Madankollu, ġustifikazzjoni tal-effett tirrikjedi bażi xjentifika komparabbli ma' dik tal-pjanijiet ta' ġestjoni. Fil-fatt, mingħajr l-għarfien korrispondenti, il-bilanċ u t-tiftix għal alternattiva, li huma rikjesti, ma jkunux possibbli. L-awtoritajiet kompetenti ma jkunux għalhekk jistgħu jevalwaw konkretament la l-vantaġġi tal-proġett, u lanqas il-konsegwenzi sfavorevoli tiegħu.

119. Waqt l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006, parti mir-riżultati tat-traspożizzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma bilfors li kienu diġà eżistenti u jistgħu jkunu utli fil-kuntest ta' dan l-eżami. B'hekk, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, kellhom jitwettqu qabel it-22 ta' Diċembru 2004, għal kull distrett ta' baċin tax-xmara, analiżi tal-karatteristiċi tiegħu, studju tal-effetti tal-attività umana fuq

41 — Ara l-punti 72 *et seq* iktar 'il fuq.

42 — Ara *infra*, il-punt 125.

l-istat tal-ilmijiet tal-wiċċ u tal-ilmijiet sottoterranji u analiżi ekonomika tal-użu tal-ilma. Ukoll il-programmi għas-sorveljanza tal-istat tal-ilmijiet, stabbiliti fl-Artikolu 8, kif ukoll l-iskedi u l-programmi ta' xogħol — għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni — rikjesti mill-Artikolu 14(1)(a), kellhom ukoll ikunu kważi lesti, peress li kienu rikjesti għat-22 ta' Diċembru 2006. Huwa biss kieku kien meħtieġ għarfien iktar metikoluż li kellhom jitħejjew b'mod antiċipat meta mqabbla mal-bqija tat-traspożizzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

120. Barra minn hekk, kif intqal fir-rigward tat-tielet parti tat-tielet domanda, din il-ġustifikazzjoni [43] tiddependi mill-għanijiet tal-miżuri.

121. Fil-qosor, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun fis-sens li dispożizzjoni nazzjonali, adottata fit-terminu speċjali stabbilit għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni u tal-programmi ta' miżuri, li tawtorizza t-trasferiment tal-ilma minn baċin tax-xmara għall-ieħor, tikkompromettі serjament l-għanijiet tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma meta din id-devjazzjoni tiġġenera stat ta' ilmijiet li huwa inkompatibbli, b'mod dejjiemi u mhux negliġibbli, mal-Artikolu 4 tad-Direttiva. F'dan ir-rigward, ġustifikazzjoni abbażi ta' interessi ġenerali supremi hija wkoll possibbli fil-kuntest tal-effetti antiċipati tal-Artikolu 4; jekk il-pjanijiet ta' ġestjoni ma humiex rikjesti, id-dispożizzjoni nazzjonali għandha madankollu tkun ġiet adottata abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti.

7. Fuq il-ħames domanda — il-parteċipazzjoni tal-pubbliku

122. Permezz tal-ħames domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk, minkejja li d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti ma jistabbilixxu, fil-proċedura quddiem il-parlament nazzjonali, l-ebda fażi ta' konsultazzjoni mal-pubbliku u għalkemm ma jirriżultax mill-provi fil-proċess li l-proċedura ta' konsultazzjoni quddiem l-amministrazzjoni, prevista fid-direttiva, ġiet osservata, dispożizzjoni leġiżlattiva adottata mill-parlament nazzjonali u li tapprova pjanijiet ta' ġestjoni għall-baċini idrografiċi, hijiex kompatibbli mad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

123. L-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Magnisia u DEI jqisu ċertament li din id-domanda hija ipotetika inkwantu, waqt l-adozzjoni tal-liġi kkontestata, ma kien jeżisti l-ebda obbligu ta' tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni. Madankollu, fil-kawża prinċipali ġew adottati b'mod partikolari żewġ pjanijiet ta' ġestjoni permezz tal-Liġi 3481/2006 u huwa verosimili li dawn għadhom fis-seħħ — jiġifieri anki wara l-iskadenza tat-terminu ta' tranżizzjoni. Barra minn hekk, il-Kunsill tal-Istat forsi jqis li dawn il-pjanijiet ta' ġestjoni kienu meħtieġa skont il-liġi Griega, li huwa jixtieq japplika, b'mod prudenti u b'mod li huwa konformi mar-rekwiżiti proċedurali tad-direttiva. Għalhekk mhux eskluż li tinħtieġ risposta għal din id-domanda biex il-kawża prinċipali tkun tista' tiġi deċiża.

124. In-nuqqas ta' kwalunkwe konsultazzjoni jista' jmur kontra l-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tikkonferixxi lil individwi u lil partijiet ikkonċernati, d-dritt li jipparteċipaw b'mod attiv fl-implementazzjoni tad-direttiva u, b'mod partikolari, fil-produzzjoni, reviżjoni u aġġornament tal-pjanijiet ta' ġestjoni tad-distrett ta' baċin tax-xmara [44].

125. Għal dan il-għan, l-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma jimponi l-pubblikazzjoni ta' diversi dokumenti f'intervalli preċiżi u qabel ma jibda jiddekorri l-perijodu stabbilit għall-pjan ta' ġestjoni. Għalhekk għandhom jiġu ppubblikati: għall-inqas tliet snin qabel id-dħul tagħha fis-seħħ, skeda għat-tħejjija tal-pjan; sentejn qabel id-dħul fis-seħħ, sintesi provviżorja tad-domandi importanti dwar il-baċin tax-xmara fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma; u għall-inqas sena qabel id-dħul fis-seħħ, huma l-abbozzi tal-pjanijiet ta' ġestjoni li għandhom ikunu disponibbli. Jekk jiġu mitluba, id-dokumenti l-oħra ta' referenza għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni. Skont l-Artikolu 14(2), biex tkun permessa l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva, l-Istati Membri għandhom għall-inqas jipprevedu sitt xhur għar-redazzjoni bil-miktub tal-osservazzjonijiet fuq id-dokumenti.

43 — Ara l-punti 84 *et seq* iktar 'il fuq.

44 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 80).

126. Ma teżisti l-ebda deroga għal dawn ir-rekwiżiti li hija applikabbli għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni. Iktar partikolarment, il-miżuri leġiżlattivi ma jibbenefikaw mill-ebda eċċezzjoni bħal dik tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EIA.

127. Kuntrarjament għal dak li tiddikjara l-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Larissa, din bl-ebda mod ma hija kwistjoni ta' lakuna li wieħed għandu, b'analoġija, jagħmel tajjeb għaliha bl-applikazzjoni tad-Direttiva EIA[45]. Għall-kuntrarju jeħtieġ li jitqies li l-leġiżlatur tal-Unjoni *volontarjament* astjena milli jirregola tali eċċezzjoni favur proċeduri leġiżlattivi. Din il-perspettiva hija b'mod partikolari kkonfermata, minn naħa, permezz tas-sentenza WWF *et* [46] — li diġà kienet teżisti waqt l-adozzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma — kif ukoll permezz tal-kawża Linster[47] li dak iż-żmien kienet għadha fil-proċess li tiġi ttrattata: dawn iż-żewġ kawżi kienu jikkonċernaw l-eċċezzjoni rregolata mid-Direttiva EIA għall-proċeduri leġiżlattivi; u min-naħa l-oħra, permezz tad-Direttiva ESEA adottata ftit wara, li tipprovdi espressament għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku waqt l-evalwazzjoni ambjentali ta' miżuri leġiżlattivi.

128. L-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Larissa hija wkoll żbaljata meta tiddikjara li fin-nuqqas ta' eċċezzjoni għall-proċeduri leġiżlattivi, l-Istati Membri jiġu pprojbiti milli jadottaw pjanijiet ta' ġestjoni taħt forma leġiżlattiva. Madankollu jistgħu assolutament jagħżlu din it-triq, kemm-il darba jintegraw fil-proċedura amministrattiva tagħhom jew fit-tħejjija tagħha, l-istadji stipulati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

129. Għalhekk jeħtieġ li r-risposta għall-ħames domanda tkun li l-fatt tal-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni mingħajr il-konsultazzjoni rikjesta tal-pubbliku hija inkompatibbli mal-Artikolu 14 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

## B – *Id-Direttiva EIA*

130. Is-sitt domanda tirrigwarda d-Direttiva EIA. Milli jidher, l-ebda evalwazzjoni ġdida tal-effetti ambjentali, li tikkonċerna l-kostruzzjoni tad-digi u d-devjazzjoni tal-ilma, ma twettqet qabel l-adozzjoni tal-liġi. Minflok, sar riferiment għall-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali li kienu twettqu qabel, li fuqha kienet ibbażata l-awtorizzazzjoni tal-2003 għall-proġett li kien ġie annullat fl-2005. Il-Kunsill tal-Istat jistaqsi jekk dan il-mod ta' proċediment jissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva EIA.

131. Il-Kunsill tal-Istat iqis hawnhekk li l-evalwazzjoni ambjentali tal-awtorizzazzjoni annullata, kien fiha l-informazzjoni kollha rikjesta mid-Direttiva EIA, iżda li l-parteċipazzjoni tal-pubbliku kienet limitata għall-pubblikazzjoni tal-awtorizzazzjoni tal-2003 li sussegwentement kienet ġiet annullata.

132. Ir-rekwiżiti tad-Direttiva EIA ma humiex rilevanti ħlief jekk din id-direttiva tkun applikabbli. Madankollu, skont l-Artikolu 1(5), hija ma tapplikax għal proġetti li huma adottati fid-dettall permezz ta' att leġiżlattiv nazzjoanli speċifiku. Din id-dispożizzjoni tipprovdi espressament li l-għanijiet tad-direttiva, inkluż l-għan tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni, huma milħuqa permezz tal-proċedura leġiżlattiva.

133. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li hija teżenta l-proġetti msemmija fid-direttiva mill-proċedura ta' evalwazzjoni taħt żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel kundizzjoni teżiġi li l-proġett ikun adottat fid-dettall permezz ta' att leġiżlattiv speċifiku; skont it-tieni kundizzjoni, l-għanijiet tad-direttiva, inkluż dak tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-informazzjoni, għandhom jintlaħqu permezz tal-proċedura leġiżlattiva[48].

45 — Ara f'dan ir-rigward, *infra*, il-punti 131 *et seq.*

46 — Sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, WWF *et* (C-435/97, Ġabra 1999, p. I-5613).

47 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, Linster (C-287/98, Ġabra 2000, p. I-6917).

48 — Sentenza WWF *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 57).

134. Huwa biss meta l-leġiżlatur għandu disponibbli informazzjoni li hija ekwivalenti għal dik li tkun sottomessa lill-awtorità kompetenti fil-kuntest ta' proċedura ordinarja għall-awtorizzazzjoni tal-proġett, li l-għanijiet tad-direttiva jistgħu jitqiesu li ntlaħqu permezz tal-proċedura leġiżlattiva [49].

135. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li liġi ma tistax titqies li tadotta proġett fid-dettall, fis-sens tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva, meta, minn naħa, ma tinkludix l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ta' dak il-proġett, iżda timponi, għall-kuntrarju, it-twettiq ta' studju għal dan il-għan, li għandu jitħejja sussegwentement, u li, min-naħa l-oħra, jinħtieġ l-adozzjoni ta' atti oħra li jagħtu d-dritt lil min ikun ser jeżegwixxi l-proġett li jwettqu [50].

136. F'dan ir-rigward, l-Avukat Ġenerali Sharpston ippreċiżat reċentement li d-Direttiva EIA mhix ikkonċernata dwar il-formaliżmu, iżda li għall-kuntrarju għandha l-għan li tiżgura li l-proġetti kollha maġġuri jkunu suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali effikaċi u li tiggarantixxi l-parteċipazzjoni suffiċjenti tal-pubbliku fil-proċess deċiżjonali [51]. Sakemm il-leġiżlatur għandu disponibbli l-informazzjoni rikjesta u jissodisfa konkretament u effiċjentement ir-rwol demokratiku tiegħu — jiġifieri li r-rappreżentanti eletti tal-poplu setgħu realment jeżaminaw il-proġett propost u jiddibattu dwaru — il-proċedura leġiżlattiva tkun laħqet l-għanijiet tad-Direttiva EIA [52]. Kuntrarjament, proċedura leġiżlattiva li kull ma tagħmel huwa li tipprovdi formalment proċedura leġiżlattiva preċedenti li abbażi tagħha d-deċiżjonijiet rilevanti jkunu, minn dak il-mument, ġew effettivament adottati, ma tagħtix l-istess garanziji bħal dawk ipprovduti bid-Direttiva EIA [53].

137. Għalhekk jeħtieġ f'din il-kawża li jiġi vverifikat jekk, minn naħa, il-leġiżlatur kellux disponibbli l-informazzjoni meħtieġa għall-proċedura tad-Direttiva EIA u, min-naħa l-oħra, jekk setax konkretament jikkontrolla l-effetti ambjentali tal-proġett u jiddibatti dwarhom.

138. Għal dak li għandu x'jaqsam man-natura attwali li għandu jkollha l-informazzjoni, id-Direttiva EIA ma tistipulax rekwiżiti speċifiċi. Madankollu, l-effetti ambjentali ta' proġett partikolari ma jistgħux jiġu evalwati konkretament ħlief abbażi tal-aħjar għarfien disponibbli fil-mument tal-awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva EIA, b'mod partikolari, jiġbor fih elementi li jagħtu x'wieħed jaħseb li l-informazzjoni reċenti għandha tiġi prodotta meta din tkun meħtieġa miċ-ċirkustanzi tal-każ rilevanti.

139. B'hekk, l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva EIA jitlob li l-volum tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn sid il-proġett għandha tkun iddeterminata abbażi tal-għarfien eżistenti. Bħala regola ġenerali, dan huwa l-istat tal-għarfien fil-bidu tal-proċedura għall-awtorizzazzjoni, peress li huwa f'dan il-mument li hemm bżonn li tiġi ddeterminata l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn sid il-proġett. Madankollu, skont l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva EIA, il-portata ta' din l-informazzjoni tiddependi wkoll mill-importanza ta' din l-informazzjoni fi stadju partikolari tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, fuq il-karatteristiċi speċifiċi ta' proġett partikolari jew ta' tip ta' proġett u fuq l-elementi ambjentali li jistgħu jiġu affettwati.

140. B'hekk, jekk jidher fi stadju sussegwenti tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni li hija meħtieġa informazzjoni iktar reċenti għall-evalwazzjoni konkreta tal-effetti ambjentali tal-proġett, din l-informazzjoni għandha tintalab [54].

49 — Sentenza Linster (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 54).

50 — Sentenzi WWF *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punt 62) u Linster (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47, punt 57).

51 — Konklużjonijiet tad-19 ta' Mejju 2011 fil-kawża li għadha pendenti, Boxus u Roua *et* (C-128/09, C-129/09, C-130/09, C-131/09, C-134/09 u C-135/09, punt 79).

52 — Konklużjonijiet Boxus u Roua *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punti 84 u 87).

53 — Konklużjonijiet Boxus u Roua *et* (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 88).

54 — Ara s-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-50/09, Ġabra p. I-873, punt 40).

141. Għalhekk huwa l-Kunsill tal-Istat li għandu jivverifika jekk l-informazzjoni li kienet suffiċjenti fl-2003 għadhiex suffiċjenti fl-2006, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tal-proġett. Jekk dan kien il-każ, kien leġittimu li dawn id-dokumenti jerġgħu jintużaw fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva.

142. Huwa meħtieġ b'mod partikolari li jiġi eżaminat jekk l-informazzjoni kinitx għadha suffiċjentement aġġornata u — kif ġustament tindika l-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et* — jekk, f'dan il-kuntest, il-proġett ġiex immodifikat mill-aħħar evalwazzjoni ambjentali, tant li bħala konsegwenza jirriżultaw effetti iktar gravi fuq l-ambjent[55]. L-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et* tqajjem ukoll il-kwistjoni, li hija perfettament rilevanti, jekk kienx biżżejjed, fl-2006, li l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tiġi bbażata fuq informazzjoni li essenzjalment inġabret qabel l-1995 u li ma kinitx ikkompletata qabel l-2003. Fid-digriet tiegħu tar-rinviju, il-Kunsill tal-Istat innifsu jenfasizza li ma teżistix informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar il-popolazzjonijiet tal-għasafar fiż-żoni protetti kkonċernati[56].

143. Barra minn hekk, wara d-dikjarazzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et* dwar il-proċedura parlamentari li permezz tagħha ġew adottati l-Artikoli 9 u 13 tal-Liġi 3481/2006, din il-proċedura jixirqilha wkoll li tiġi eżaminata iktar mill-viċin. Jekk id-deputati ma kinux realment informati dwar il-portata ta' dawn id-dispożizzjonijiet, u lanqas dwar in-natura tal-proġett adottat[57], huwa dubjuż ħafna li setgħu jevalwaw konkretament l-effetti ambjentali tiegħu u jiddiskutu dwarhom.

144. Huwa meħtieġ għalhekk li r-risposta għas-sitt domanda għandha tkun fis-sens li studju dwar l-effetti ambjentali imressaq għall-approvazzjoni quddiem il-parlament nazzjonali, wara l-annullament, permezz ta' sentenza, tal-att amministrattiv li kien diġà approvah, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva EIA meta, fl-ewwel lok, kien iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-leġiżlatur l-informazzjoni meħtieġa — li hija, jiġifieri, suffiċjentement reċenti u kompleta — rikjesta għall-proċedura tad-direttiva u fit-tieni lok, il-leġiżlatur kien f'pożizzjoni, għal din ir-raġuni, li jevalwa konkretament l-effetti ambjentali tal-proġett u jiddiskutihom.

## C – *Id-Direttiva ESEA*

145. Permezz tas-seba', tat-tmien u tad-disa' domanda tiegħu, il-Kunsill tal-Istat jixtieq, barra minn hekk, jiċċara jekk il-Liġi 3481/2006 tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva ESEA. Għal dan il-għan, huwa jistaqsi jekk il-proġetti jaqgħux taħt il-kamp tal-applikazzjoni *ratione materiae* u, jekk fil-każ, *temporis* tad-Direttiva ESEA (domandi ttrattati fil-titoli 1 u 2 iktar 'il quddiem). Fl-affermattiv, huwa jixtieq ikun jaf jekk evalwazzjoni ambjentali li hija konformi mad-Direttiva ESEA hijiex ukoll meħtieġa minbarra l-evalwazzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma u d-Direttiva EIA (titolu 3 iktar 'il quddiem).

### 1. Fuq is-seba' domanda — il-kamp tal-applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva ESEA

146. Permezz tas-seba' domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk id-Direttiva ESEA hijiex applikabbli għall-proġett ta' devjazzjoni ta' xmara, meta dan il-proġett jirrigwarda l-kostruzzjoni ta' digi u t-trasferiment tal-ilma minn distrett ta' baċin tax-xmara għal ieħor, meta d-Direttiva Qafas dwar l-ilma tkun tapplika għalih, meta jkun jinkludi xogħlijiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 85/337/KEE u huwa jista' jkollu effetti ambjentali fuq iż-żoni msemmija fid-Direttiva dwar l-habitats.

55 — Ara s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-247/06, Ġabra 2008, p. I-150, punti 49 *et seq*; id-dispożittiv tas-sentenza huwa ppubblikat fil-Ġabra 2008, p. I-150*).

56 — Ara *infra*, il-punt 204.

57 — Punt 44 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Aitoloakarnania *et*.

147. Biex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk tali proġett jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva ESEA, huwa meħtieġ li jiġi vverifikat, fl-ewwel lok, jekk jikkostitwixxix pjan jew programm fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-imsemmija direttiva u, fit-tieni lok, jekk jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) sa (4).

a) Il-kunċett ta' "pjanijiet u programmi"

148. Skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva ESEA, it-terminu "pjanijiet u programmi" fis-sens tad-direttiva jirreferi għall-pjanijiet u programmi mħejjija u/jew adottati minn awtorità jew imħejjija minħabba l-adozzjoni prospettiva tagħhom abbażi ta' proċedura leġiżlattiva u li huma rikjesti minn dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi.

149. Ma hemm xejn fid-digriet tar-rinviju li jindika jekk id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi *jeżiġux* it-tħejjija ta' "pjan għad-devjazzjoni ta' xmara". Sa fejn proġett jitħejja irrispettivament minn kwalunkwe obbligu, ma għandux għalfejn ikun is-suġġett ta' evalwazzjoni ambjentali prevista fid-Direttiva ESEA[58].

150. Ċertament li jidher possibbli, skont l-osservazzjonijiet ta' DEI, li proġett ta' devjazzjoni jista' jkun inkluż fi pjan ta' okkupazzjoni ta' territorji, rikjest mil-liġi Griega. Iżda din id-domanda preliminari ma tikkonċernax tali pjan; skont DEI, mill-bqija, il-Kunsill tal-Istat iddeċieda li ma kienx meħtieġ.

151. Meta l-proġetti konkreti jiġu suġġetti għall-awtorizzazzjoni, l-evalwazzjoni ambjentali rikjesta mid-Direttiva ESEA lanqas ma għandha fil-prinċipju tkun meħtieġa. Fil-fatt, l-awtorizzazzjoni tal-proġett, bħala tali, ma tikkostitwixxix pjan jew programm.

152. Madankollu, id-domanda tikkonċerna wkoll il-pjanijiet ta' ġestjoni tad-distretti idrografiċi Acheloos u Pineios, li jagħmlu parti integrali mil-Liġi 3481/2006. Ma hemmx dubju li dawn jikkostitwixxu pjanijiet fis-sens tad-Direttiva ESEA. Huma rikjesti mill-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma; min-naħa l-oħra, tħejjew mill-amministrazzjoni bl-għan tal-adozzjoni tagħhom mill-parlament abbażi ta' proċedura amministrattiva.

b) L-obbligu ta' kontroll tal-pjanijiet ta' ġestjoni

153. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva ESEA, il-pjanijiet u l-programmi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 li jista' jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent, huma s-suġġett ta' evalwazzjoni ambjentali skont l-Artikoli 4 sa 9.

154. Skont l-Artikolu 3(2)(a) tad-diretttva ESEA, għandha ssir evalwazzjoni ambjentali għall-pjanijiet li huma mħejjija għas-settur tal-ġestjoni tal-ilma u li jiddefinixxu l-kuntest li fih l-implementazzjoni tal-proġetti elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva EIA tista' tiġi awtorizzata fil-ġejjieni.

155. Il-pjanijiet ta' ġestjoni jiddefinixxu l-kuntest għall-awtorizzazzjoni ta' tali proġetti, bħal pereżempju, għat-trasferiment ta' riżorsi idrawliċi — previst fin-Numru 12 tal-Anness I tad-Direttiva EIA — u għad-digi — Numru 15 tal-Anness I. Hawnhekk il-kwistjoni mhix prinċipalment waħda ta' awtorizzazzjoni ta' ċerti partijiet tal-proġett ta' devjazzjoni, peress li — għall-inqas fid-dritt tal-Unjoni — il-pjanijiet ta' ġestjoni kien għad ma kellhomx natura vinkolanti. Madankollu, wara l-iskadenza tat-terminu biex jiġu stabbiliti l-pjanijiet ta' ġestjoni, kwalunkwe awtorizzazzjoni ġdida għal tali proġetti jkollha tosserva l-kuntest legali ddefinit minnhom.

58 — Il-kwistjoni jekk il-pjanijiet u l-programmi, li ma humiex ħlief ipprogrammati fid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, jaqgħux taħt id-Direttiva ESEA, hija s-suġġett tal-Kawża C-567/10, Inter-Environnement Bruxelles *et* li għadha pendenti. Eventwalment wieħed ikun jista' jikkunsidra bħala pjanijiet "ipprogrammati" il-pjanijiet ta' ġestjoni stabbiliti fid-deċiżjoni qafas dwar l-ilma li għadhom ma humiex obbligatorji u li ser jiġu imsemmija iktar 'il quddiem taħt b.

156. Barra minn hekk, hemm lok kbir li wieħed jaħseb li — għall-inqas f'din il-kawża — l-evalwazzjoni timponi ruħha skont l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva ESEA. Din id-dispożizzjoni tirreferi għal pjanijiet li jirrikjedu, fid-dawl tal-effetti li huma jista' jkollhom fuq is-siti, evalwazzjoni abbażi tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva dwar l-habitats. Il-kamp tal-applikazzjoni tal-pjanijiet ta' ġestjoni jinkludi siti protetti fir-rigward ta' din id-direttiva. Dawn is-siti jkunu jistgħu jiġu affettwati matul l-implementazzjoni tal-pjanijiet, b'mod partikolari jekk il-pjanijiet jipprevedu trasferiment tal-ilma li huwa sostanzjali [59].

157. Għalhekk għandu jingħad li l-pjanijiet ta' ġestjoni fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma għandhom, fil-prinċipju, ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva ESEA.

## 2. Fuq it-tmien domanda — l-applikazzjoni tad-Direttiva ESEA *ratione temporis*

158. Konsegwentement, għandha wkoll tingħata risposta għat-tmien domanda, jiġifieri jekk l-atti relatati mal-proġett ikkontestat, li ġew annullati retroattivament permezz ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, jistgħux jitqiesu bħala atti preparatorji formali maħruġa qabel il-21 ta' Lulju 2004, b'mod li ma jkun jeżisti l-ebda obbligu għat-twettiq tal-evalwazzjoni ambjentali strateġika.

159. Din il-kwistjoni tikkonċerna l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva ESEA, li jiddefinixxi, b'riferiment għat-terminu ta' traspożizzjoni tal-Artikolu 13(1), il-prinċipju tal-applikazzjoni tad-direttiva: b'hekk, il-pjanijiet u l-programmi li l-ewwel att preparatorju formali tagħhom huwa wara l-21 ta' Lulju 2004 huma suġġetti għal evalwazzjoni ambjentali.

160. L-awtorizzazzjonijiet annullati b'mod ġudizzjarju ma jaqgħux taħt dan il-kamp ta' applikazzjoni peress li jikkostitwixxu r-riżultat (intermedjarju) ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni. Huma biss il-miżuri li jibdew il-proċedura ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jitqiesu bħala atti preparatorji. Il-fatt li l-awtorizzazzjoni kienet ġiet annullata retroattivament hija għalhekk, *a fortiori*, mingħajr effett.

161. F'din il-kawża, huwa, għall-kuntrarju, determinanti li jiġi stabbilit jekk il-*bidu* tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni jistax jitqies bħala att preparatorju tal-pjanijiet ta' ġestjoni jew jekk jikkostitwixxix att preparatorju ta' pjan għad-devjazzjoni tal-Acheloos.

### a) Fuq it-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni

162. L-"att formali preparatorju" ċertament li mhux iddefinit fid-Direttiva ESEA. Iżda dan il-kunċett għandu l-għan manifest li japplika kriterju ċert biex tiġi ddeterminata d-data għall-bidu tal-proċedura. Dan il-kriterju huwa konformi mal-prinċipju taċ-ċertezza legali u ta' natura tali li jippreżerva l-effettività tad-direttiva [60]. Att preparatorju formali ta' proċedura, fis-sens tad-Direttiva ESEA, għandu għalhekk, b'mod ċar, ikollu fil-mira tiegħu t-tħejjija tal-pjan jew tal-programm li jaqa' taħt id-direttiva.

163. B'hekk, għad-Direttiva EIA, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kuntratti u l-laqgħat informali bejn l-awtorità kompetenti u sid il-proġett ma kinux biżżejjed biex jikkaratterizzaw id-data tal-bidu tal-proċedura [61].

164. Ikun ukoll għalkollox insuffiċjenti, fil-kuntest tad-Direttiva ESEA, li jinbdew ċerti proċeduri għal proġetti li huma inklużi fi pjan ta' ġestjoni, bħal pereżempju proċedura ta' awtorizzazzjoni għad-devjazzjoni tal-ilmijiet. Fil-fatt, dawn il-proċeduri ma jħallux x'wieħed jifhem li għandhom (ukoll) pjan ta' ġestjoni fil-mira tagħhom.

59 — Dwar il-ħtieġa tal-evalwazzjoni, ara b'mod partikolari l-konklużjonijiet tiegħi tal-4 ta' Marzu 2010 fil-kawża Terre wallonne (sentenza tas-17 ta' Ġunju 2010, C-105/09 u C-110/09, Ġabra p. I-5611, punti 87 *et seq*).

60 — Ara, fir-rigward tad-Direttiva EIA, is-sentenza tal-11 ta' Awwissu 1995, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (Großkotzenburg, C-431/92, Ġabra 1995, p. I-2189, punt 32).

61 — Sentenza Großkotzenburg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 60).

165. Mill-bqija, jekk il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tal-proġetti inkwistjoni, inizjati qabel il-21 ta' Lulju 2004, għandhom jitqiesu bħala atti formali preparatorji ta' pjanijiet ta' ġestjoni sussegwenti, kważi l-ebda pjan ta' ġestjoni ma jkun jista' jiġi suġġett *ratione temporis* għat-tħejjija ambjentali. Fil-fatt, il-kamp ta' applikazzjoni ta' kull pjan ta' ġestjoni jiġbor fih numru ta' proġetti eżistenti, li huma potenzjalment ikkonċernati mill-imsemmi pjan ta' ġestjoni minħabba l-projbizzjoni tad-deterjorazzjoni u l-obbligu tar-restawr, inklużi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma.

166. Fl-aħħar nett, f'din il-kawża, l-iżvilupp kronoloġiku jikkontradixxi wkoll id-dikjarazzjoni li l-ewwel att formali preparatorju għall-pjanijiet ta' ġestjoni twettaq qabel il-21 ta' Lulju 2004. In-nuqqas ta' pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi tal-Acheloos u ta' Pineios ġie kkritikat għall-ewwel darba fis-sentenza 1688/2005 tal-Kunsill tal-Istat, jiġifieri wara l-21 ta' Lulju 2004. Dan jindika li l-preparattivi għall-adozzjoni tagħhom bdew ukoll wara din id-data.

b) Fuq l-istabbiliment ta' pjan għad-devjazzjoni tal-Acheloos

167. Is-sitwazzjoni kienet tkun xort'oħra kieku — kuntrarjament għar-risposta mogħtija fis-seba' domanda — kien jeżisti pjan ta' devjazzjoni parzjali tal-Acheloos li fil-prinċipju kien ikun suġġett għall-evalwazzjoni.

168. Id-dispożizzjoni relatata mal-atti preparatorji għandha l-għan li tippermetti li l-proċeduri pendenti jingħalqu mingħajr ma jiġu affettwati bir-rekwiżiti proċedurali li huma radikalment ġodda. Ma għandhiex, għall-kuntrarju, l-għan li timpedixxi l-evalwazzjoni ambjentali ta' ċerti pjanijiet għall-unika raġuni li, fil-passat, l-istess domanda kienet tkun is-suġġett ta' miżuri amministrattivi kwalunkwe.

169. Huwa meħtieġ għalhekk li jiġi eżaminat jekk il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-proġett ipproċedietx b'mod interrott. F'dan ir-rigward, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji ma jitqisux bħala interruzzjonijiet, jekk is-servizzi kompetenti kienu immedjatament ħadu l-miżuri meħtieġa biex ikopru l-lakuni ddikjarati mill-Imħallfin. Il-mogħdija minn proċedura amministrattiva għal proċedura leġiżlattiva lanqas ma tista' titqies bħala interruzzjoni.

170. Barra minn hekk, il-bidu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-proġett ta' devjazzjoni, jista' jikkostitwixxi att formali preparatorju fid-dawl tat-tħejjija ta' pjan — suġġett għall-evalwazzjoni — li jikkonċerna dan il-proġett.

171. B'mod kumplimentari, għandu jiġi nnotat li, f'din il-kawża, l-obbligu ta' evalwazzjoni previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 13(3) tad-Direttiva ESEA huwa eskluż. Dan l-obbligu japplika meta pjanijiet u programmi, li l-ewwel att preparatorju tagħhom huwa preċedenti għall-21 ta' Lulju 2004, ġew adottati jew ippreżentati fil-proċedura leġiżlattiva iktar minn erbgħa u għoxrin xahar wara din id-data. Madankollu, għandu jingħad li mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Liġi 3481/2006 kienu ġew ippreżentati fil-parlament Grieg mis-6 ta' Lulju 2006[62].

c) Risposta għat-tmien domanda

172. Għaldaqstant ir-risposta għat-tmien domanda għandha tkun li la l-awtorizzazzjonijiet annullati li jikkonċernaw proġett għad-devjazzjoni ta' xmara, lanqas il-bidu ta' proċeduri korrispondenti għall-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva ESEA ma jistgħu jitqiesu bħala atti formali preparatorji tal-pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi, fis-sens tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Madankollu, il-bidu ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala att preparatorju ta' pjan — suġġett għall-evalwazzjoni — għad-devjazzjoni ta' xmara, peress li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni pproċediet mingħajr interruzzjoni.

62 — Punt 29 tad-digriet tar-rinviju.

3. Fuq id-disa’ domanda — il-portata tal-evalwazzjoni ambjentali

173. Fid-dawl tar-risposta mogħtija għat-tmien domanda, jeħtieġ li tingħata risposta wkoll għad-disa’ domanda. Il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf essenzjalment jekk evalwazzjoni ambjentali strateġika distinta għandhiex titwettaq meta l-evalwazzjonijiet ikunu diġà saru skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma u d-Direttiva EIA.

174. Ir-risposta tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva ESEA, li l-Kunsill tal-Istat diġà ċċita. Skont il-paragrafu 1, l-evalwazzjonijiet ambjentali mwettqa skont id-Direttiva ESEA huma mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337/KEE jew għal kwalaunkwe dispożizzjoni leġiżlattiva Komunitarja. Madankollu, għall-pjanijiet u programmi li għalihom l-obbligu li jitwettqu l-evalwazzjonijiet ambjentali jirriżulta simultanjament mid-Direttiva ESEA u minn dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, il-paragrafu 2 jawtorizza lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri koordinati kew komuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti, biex jiġi evitat b’mod partikolari li jsiru bosta evalwazzjonijiet.

175. Dawn id-dispożizzjonijiet juru li l-ebda formalità ma hija imposta għat-twettiq tad-diversi evalwazzjonijiet ambjentali previsti fid-dritt tal-Unjoni. L-element determinanti huwa, għall-kuntrarju, l-implementazzjoni tar-rekwiżiti tad-diversi dispożizzjonijiet. Meta dan ikun il-każ, id-denominazzjoni tal-evalwazzjoni hekk imwettqa hija mingħajr importanza [63].

176. Il-kwistjoni jekk ċerti evalwazzjonijiet, magħmula abbażi ta’ dispożizzjonijiet oħra, jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva ESEA għandha tiġi eżaminata b’mod konkret u għal kull każ partikolari mill-qorti nazzjonali. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-Direttiva ESEA, marbuta mal-kontenut iktar milli mal-proċedura. Fid-dawl tal-paralleliżmu li kważi jeżisti bejn id-Direttivi EIA u ESEA, dan huwa fil-prinċipju possibbli meta ż-żewġ evalwazzjonijiet għandhom l-istess kamp ta’ applikazzjoni, jiġifieri meta l-proġett u l-pjan huma kważi identiċi. Lanqas ma huwa eskluż li s-sodisfazzjon tar-rekwiżiti applikabbli għal pjan ta’ ġestjoni, skont l-Artikolu 13(4) u l-Anness VII tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, jasal biex jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli għall-evalwazzjoni ambjentali ta’ pjan skont id-Direttiva ESEA.

177. Madankollu, fid-dawl tar-rimarki magħmula fir-rigward tad-Direttiva EIA [64], hemm lok li jiġi enfasizzat li l-lakuni eventwali fl-evalwazzjoni mwettqa skont din id-direttiva kellhom probabbilment jitqiesu bħala lakuni fl-evalwazzjoni ambjentali tad-Direttiva ESEA. L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva ESEA jeżiġi, b’mod iktar ċar mid-Direttiva EIA, li l-evalwazzjoni tieħu inkunsiderazzjoni l-għarfien u l-metodi ta’ evalwazzjoni eżistenti. Barra minn hekk, kull wieħed mill-Artikoli 8 taż-żewġ direttivi jimponi t-teħid inkunsiderazzjoni, waqt id-deċiżjoni, tal-informazzjoni miksuba li tikkonċerna l-effetti ambjentali.

178. Għalhekk jeħtieġ li r-risposta għad-disa’ domanda tkun li skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva ESEA, meta proġett jaqa’ simultanjament taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-imsemmija direttiva u f’dak tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, kif ukoll f’dak tad-Direttiva EIA, li lkoll jimponu l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tal-proġett, mhux meħtieġ li ssir evalwazzjoni ambjentali strateġika distinta, meta l-evalwazzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva Qafas dwar l-ilma u d-Direttiva EIA jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva ESEA, sostantivament u proċeduralment.

D – *Il-ħarsien tan-natura*

179. Fl-aħħar nett jeħtieġ li jiġu eżaminati ċerti kwistjonijiet relatati mad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tan-natura. Il-Kunsill tal-Istat jagħmel ċerti domandi dwar il-protezzjoni provviżorja tas-siti ta’ importanza Komunitarja (SIK) proposti, qabel ma dawn jiġu introdotti fil-lista Komunitarja (kwistjoni trattata fit-titolu 1 iktar ’il quddiem), dwar il-legalità ta’ awtorizzazzjoni mogħtija mingħajr

63 — Sentenza tat-22 ta’ Settembru 2011, Valčiukienė *et* (C-295/10, Ġabra p. I-8819, punt 62). Għal dak li għandu x’jaqsam mad-Direttiva EIA, ara s-sentenzi Großkotzenburg (iċċitata iktar ’il fuq fin-nota ta’ qiegħ il-paġna 60, punti 41 *et seq*) u tas-16 ta’ Settembru 2004, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-227/01, Ġabra 2004, p. I-8253, punt 56), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tad-29 ta’ Novembru 2007, Abraham *et* (C-2/07, Ġabra 2008, p. I-1197, punt 84).

64 — Ara l-punti 141 *et seq* iktar ’il fuq.

ma jkunu magħrufa l-għasafar kollha affettwati (titolu 2), dwar il-ġustifkazzjoni ta' danni fuq is-siti minħabba raġunijiet marbuta mal-irrigazzjoni u l-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb (titolu 3), jekk ikun il-każ dwar miżuri potenzjali għall-protezzjoni tal-koerenza (titolu 4) kif ukoll dwar il-kompatibbiltà, mad-Direttiva dwar l-habitats, tat-trasformazzjoni ta' ekosistema ta' xmara jew ta' lag, fejn il-preżenza umana tkun dominanti (titolu 5).

180. It-trattament ta' dawn il-kwistjonijiet huwa partikolarment ikkaratterizzat bil-fatt li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tad-devjazzjoni parzjali tal-Acheloos ilha għaddejja għal żmien twil. Din bdiet qabel l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-habitats. Ukoll mhux possibbli li tiġi applikata l-evalwazzjoni *ex ante* ta' proġetti, prevista fl-Artikolu 6(3), iżda biss il-projbizzjoni mid-deterjorazzjoni skont l-Artikolu 6(2).

1. Fuq l-għaxar domanda — Il-protezzjoni tas-siti proposti waqt l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006

181. Permezz tal-għaxar domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk is-siti li kienu jidhru fir-reġistri nazzjonali tas-siti ta' interess Komunitarju (SIK) u finalment inklużi fir-reġistru Komunitarju tas-SIK humiex ser jibbenefikaw mill-protezzjoni tad-Direttiva dwar l-habitats qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni 2006/613 "li tadotta l-elenku ta' siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Mediterranju".

182. Il-Kunsill tal-Istat jirreferi hawnhekk għal ħames SIK [65] li ġew inklużi fir-reġistru permezz tad-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq u li huma affettwati mill-proġett.

183. Meta jagħmel din id-domanda, il-Kunsill tal-Istat iqis li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi 3481/2006, l-Artikoli 9 u 13 tagħha, ġew ippubblikati mal-liġi u daħlu fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2006, filwaqt li d-Deċiżjoni 2006/613 ġiet ippubblikata biss fil-21 ta' Settembru 2006. Jekk id-data ta' din il-pubblikazzjoni kienet determinanti għall-inklużjoni tas-siti kkonċernati fir-reġistru Komunitarju, l-Artikolu 6(2) u (3) tad-Direttiva dwar l-habitats ma kienx ikun applikabbli, skont l-Artikolu 4(5) ta' din l-istess direttiva, ħlief mill-21 ta' Settembru 2006 [66], jiġifieri wara d-dħul fis-seħħ tal-liġi.

184. Madankollu għandu jingħad li skont l-Artikolu 254(3) KE li kien applikabbli dak iż-żmien (u li l-verżjoni emendata tiegħu preżentement hija l-paragrafu 3 tal-Artikolu 297(2)), id-Deċiżjoni 2006/613 daħlet fis-seħħ hekk kif ġiet innotifikata lid-destinatarji tagħha — jiġifieri lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni [67]. Ma hemmx lok, f'din il-kawża, li jiġi ddeterminat jekk l-individwi setgħux jopponu l-protezzjoni tas-siti qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. Huwa l-kompitu tal-Kunsill tal-Istat li jistabblixxi d-data tan-notifika — li d-database tal-Unjoni (EUR-Lex) tipprovdi li hija d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni, jiġifieri d-19 ta' Lulju 2006 [68].

a) Fuq il-protezzjoni provviżorja tas-siti proposti

185. Jekk mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni jirriżulta li ma ġietx innotifikata lill-Greċja ħlief wara l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006, il-Greċja kienet marbuta li tiggarantixxi l-protezzjoni provviżorja tas-siti proposti. Skont id-Direttiva dwar l-habitats, l-Istati Membri huma marbuta jieħdu, għal dak li għandu x'jaqsam mas-siti identifikati minħabba l-inklużjoni tagħhom fir-reġistru Komunitarju, miżuri ta' protezzjoni li huma xierqa biex iżommu l-karatteristiċi ekoloġiċi tal-imsemmija siti. L-Istati Membri għalhekk ma jistgħux jawtorizzaw interventi li jirriskjaw li jikkompromettu l-karatteristiċi

65 — Li ġew preċedentement elenkati fil-punt 22.

66 — Sentenza tat-13 ta' Jannar 2005, Dragaggi *et* (C-117/03, Ġabra 2005, p. I-167, punt 25).

67 — Dwar it-teħid tal-effett tad-deċiżjonijiet, ara s-sentenza tal-20 ta' Novembru 2008, Foselev Sud-Ouest (C-18/08, Ġabra 2008, p. I-8745, punt 18).

68 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 iktar 'il fuq.

ekoloġiċi tas-siti kkonċernati. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, meta intervent jirriskja jew li jnaqqas b'mod sinjifikattiv is-superfiċje tas-sit, jew li jwassal għall-għejbien ta' speċi prijoritarji preżenti fis-sit, jew fl-aħħar nett, li jkollu bħala riżultat id-distruzzjoni tas-sit jew id-distruzzjoni tal-karatteristiċi rappreżentattivi tiegħu[69].

b) Fuq il-protezzjoni tas-siti wara l-inklużjoni tagħhom fir-reġistru Komunitarju

186. Jekk, għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kienet diġà nnotifikat id-deċiżjoni tagħha lill-Greċja waqt l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), (3) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats, kienu, fil-prinċipju applikabbli skont l-Artikolu 4(5), għas-siti inklużi fir-reġistru. Madankollu, ser nuri iktar tard li l-fatt li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tad-devjazzjoni parzjali tal-Acheloos kienet ilha għaddejja għal żmien twil, huwa ta' ostakolu għall-applikazzjoni ta' evalwazzjoni *ex ante* skont l-Artikolu 6(3). Jekk ikun il-każ, huwa applikabbli, għall-kuntrarju, l-Artikolu 6(2) flimkien mar-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 6(4) għall-ġustifikazzjoni tal-eventwali danni fuq is-siti.

Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats

187. Jidher loġiku li jenħtieġ li l-kompatibbiltà tad-devjazzjoni tal-Acheloos mal-għanijiet ta' konservazzjoni stabbiliti għal dawn is-siti, tkun ikkontrollata skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats. Skont din id-dispożizzjoni, kwalunkwe pjan jew proġett li jista' jaffettwa b'mod sinjifikattiv sit protett, għandu jkun is-suġġett ta' evalwazzjoni xierqa ta' dawn l-effetti fuq is-sit fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni ta' dan is-sit.

188. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà sostniet li meta proġett ikun ġie awtorizzat qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-habitats jew meta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tkun inbdiet qabel l-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Istat Membru kkonċernat, l-imsemmi proġett ma jkunx suġġett għar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-proċedura tal-evalwazzjoni preliminari tal-effetti tal-proġett fuq is-sit ikkonċernat, stabbiliti mill-Artikolu 6(3) ta' din id-direttiva[70]. Ma jkunx fil-fatt opportun li proċeduri, li huma diġà kumplessi fil-livell nazzjonali u li nbdew formalment qabel id-data tal-skadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva, jittaqqlu u jiddewmu minħabba rekwiżiti speċifiċi imposti minn din tal-aħħar u li sitwazzjonijiet li kienu diġà stabbiliti jiġu affettwati minnha[71].

189. Jekk il-każ preżenti ċertament li ma jikkonċernax la awtorizzazzjoni li daħlet fis-seħħ qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni u lanqas proċedura ta' awtorizzazzjoni, mibdija qabel l-adeżjoni tal-Greċja mal-Unjoni Ewropea, għandu madankollu jiġi ttrattat bl-istess mod — minkejja l-fatt li s-siti kkonċernati kienu diġà ġew inklużi fir-reġistru Komunitarju meta ġiet adottata l-Liġi 3481/2006.

190. Fil-fatt, il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni tad-devjazzjoni parzjali tal-Acheloos bdew fil-bidu tas-snin 1990 — jiġifieri, potenzjalment, qabel l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-habitats — u, sakemm saret in-notifika tad-deċiżjoni għall-inklużjoni tas-SIK ikkonċernati fir-reġistru Komunitarju, huma ma kinux, ġustament, suġġetti għall-evalwazzjoni preliminari[72]. Il-fatt tal-applikazzjoni finali ta' din l-evalwazzjoni preliminari eżattament qabel l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006 tista' effettivament ittaqqal u ddewwem il-proċedura b'mod kunsiderevoli.

69 — Sentenzi tal-14 ta' Settembru 2006, Bund Naturschutz in Bayern *et* (C-244/05, Ġabra 2006, p. I-8445, punti 44 u 46); Stadt Papenburg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 49); u tal-20 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, (Lynx pardinus ta' Spanja u l-Portugall, C-308/08, Ġabra 2010, p. I-4281, punt 21).

70 — Sentenzi Lauteracher Ried (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punti 53 sa 62) u Stadt Papenburg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 48).

71 — Sentenza Lauteracher Ried (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 35, punt 57, li tikkwota l-ġurisprudenza dwar id-Direttiva EIA).

72 — Sentenza Dragaggi *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 66).

191. Barra minn hekk, minn perspettiva prattika, kien diffiċli li jiġi previst il-mument li fih il-Kummissjoni kienet ser tadotta r-reġistru Komunitarju. Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, ir-reġistru kellu jiġi stabbilit mill-1998 u kienu diġà ġew ippubblikati listi oħra parzjali, ħafna qabel ir-reġistru għar-reġjun bijoġeografiku Mediterranju li kien jinkludi l-Greċja[73]. Il-Greċja għalhekk ma kellhiex għalfejn tippretendi, b'mod imperattiv, li s-sistema protettiva tad-Direttiva dwar l-habitats issir applikabbli qabel ma l-proġett jiġi awtorizzat.

192. Minn dan jirriżulta li l-ebda evalwazzjoni tal-effetti skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats ma kienet meħtieġa għas-SIK.

Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats

193. Il-ġursiprudenza ċċitata iktar 'il fuq ma tikkonċernax madankollu l-aspetti proċedurali tas-sistema protettiva tad-Direttiva dwar l-habitats. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għall-kuntrarju enfasizzat, f'iktar minn okkażjoni waħda, li l-fatt li kienet diġà ngħatat awtorizzazzjoni, ma kellux l-effett li jissuġetta ż-żona kkonċernata għar-rekwiżiti sostantivi ta' protezzjoni taż-żoni riżultanti mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats. Din id-dispożizzjoni tipprojbixxi d-deterjorazzjoni tal-habitats naturali u tal-habitats ta' speċi fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, kif ukoll it-tfixkil li jolqot lill-ispeċi li għalihom iż-żoni ġew konċessi, sa fejn dan it-tfixkil ikun jista' jkollu effett sinjifikattiv fir-rigward tal-għanijiet tal-imsemmija direttiva.

194. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li meta pjan jew proġett awtorizzat skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats jirriżulta — anki fin-nuqqas ta' kwalunkwe żball li jista' jiġi attribwit lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti — ta' natura tali li jwassal għal deterjorazzjonijiet jew tfixkil sinjifikattivi, l-Artikolu 6(2) jippermetti li jiġi sodisfatt l-għan essenzjali tal-preservazzjoni u tal-ħarsien tal-kwalità tal-ambjent, inkluża l-konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u tal-flora selvaġġa, kif stabbilit fl-ewwel premessa ta' din l-istess direttiva[74]. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats jista' jimponi l-kontroll wara awtorizzazzjoni eżistenti[75]; bl-istess mod, l-implementazzjoni ta' proġett awtorizzat qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva, taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq[76].

195. L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats għalhekk jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jevitaw id-deterjorazzjonijiet jew it-tfixkil li jolqtu ż-żoni ta' protezzjoni, anki meta jirrigwardaw proġetti eżistenti. L-interessi leġittimi ta' dawk intitolati għall-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu sodisfatti permezz ta' kumpens[77].

196. Din il-ġurisprudenza mhix f'kontradizzjoni mal-prinċipju tan-nuqqas ta' retroattività tan-normi legali. Għall-kuntrarju, fil-prinċipju, regola legali ġdida tapplika mid-dħul fis-seħħ tagħha. Jekk ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li nħolqu u ġew akkwistati definittivament taħt ir-reġim tal-liġi preċedenti, tapplika għall-effetti futuri ta' dawn tal-aħħar[78]. Minn dan jirriżulta li l-proġetti li jistgħu jiddeterjoraw jew ifixklu b'mod sinjifikattiv iż-żoni ta' protezzjoni ma jistgħux jiġu awtorizzati sakemm ma jkunux kompatibbli mal-konservazzjoni tas-siti, anki jekk il-proċeduri tagħhom għall-awtorizzazzjoni ma kinux għandhom suġġetti għar-rekwiżiti proċedurali tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats[79].

73 — B'hekk, il-Kummissjoni adottat, mit-28 ta' Diċembru 2001, id-Deċiżjoni 2002/11/KE tagħha li stabbilixxiet il-lista tas-siti ta' importanza Komunitarja għar-reġjun bijoġeografiku Makaroneżjan, skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE (ĠU L 5, p. 16). Deċiżjonijiet li jikkonċernaw erba' reġjuni oħra bijoġeografiċi ġew prodotti qabel id-Deċiżjoni 2006/613.

74 — Sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02, Ġabra 2004, p. I-7405, punt 37).

75 — Sentenza tal-20 ta' Ottubru 2005, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-6/04, Ġabra 2005, p. I-9017, punt 58).

76 — Sentenza Stadt Papenburg (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punt 49).

77 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punti 70 *et seq*).

78 — Sentenzi tas-6 ta' Lulju 2010, Monsanto Technology (C-428/08, Ġabra p. I-6765, punt 66), u tas-16 ta' Diċembru 2010, Stichting Natuur en Milieu (C-266/09, Ġabra p. I-13119, punt 32).

79 — Għal dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti, ara l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 72).

197. Konsegwentement, jekk il-Kummissjoni inkludiet is-SIK fir-reġistru Komunitarju qabel l-adozzjoni tal-Liġi 3481/2006, huwa l-kompitu tal-Kunsill tal-Istat li jivverifika jekk din il-liġi hijiex kompatibbli mal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats.

Fuq il-ġustifikazzjoni tal-eventwali danni fuq is-SIK

198. Jekk il-Kunsill tal-Istat jasal għall-konklużjoni, abbażi tal-Liġi 3481/2006, li l-habitats naturali jew il-habitats tal-ispeċi huma ddeterjorati jew inkella li l-ispeċi huma mfixkla b'mod sinjifikattiv, tqum il-kwistjoni jekk dawn id-danni humiex iġġustifikati.

199. L-istess bħas-sistema ta' protezzjoni taż-żoni ta' protezzjoni minħabba l-għasafar, skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva dwar l-għasafar, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats ma jistabbilixxix il-possibbiltà ta' ġustifikazzjoni abbażi ta' interessi supremi. Il-protezzjoni taż-żoni stabbilita permezz tad-Direttiva dwar l-habitats tibbaża, fil-fatt, fuq l-idea li d-deterjorazzjonijiet u t-tfixkil sinjifikattivi għandhom fi kwalunkwe każ ikunu awtorizzati (u jekk ikun il-każ iġġustifikati) skont l-Artikolu 6(3) u (4) tal-imsemmija direttiva. Sakemm din l-awtorizzazzjoni tibbaża fuq evalwazzjoni xierqa tal-effetti, l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats hija fil-prinċipju loġikament eskluża [80].

200. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats ma kienx għadu applikabbli għall-każ preżenti. Ma jkunx madankollu ġust li proġetti li, minħabba raġunijiet ta' dati, ma ġewx suġġetti għall-evalwazzjoni preliminari skont l-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats, jiġu rrifjutati l-possibbiltà li jibbenefikaw minn awtorizzazzjoni derogotarja bħal dik prevista fl-Artikolu 6(4) tal-imsemmija direttiva. Dawn il-proġetti jkunu iktar ristretti minn proġetti iktar reċenti, li għalihom l-Artikolu 6(2) sa (4) tad-Direttiva dwar l-habitats japplika kollu kemm hu [81].

201. Konsegwentement, għal dak li għandu x'jaqsam ma' proġetti eżistenti, id-deterjorazzjonijiet jew it-tfixkil sinjifikattivi li jolqtu ż-żoni ta' protezzjoni, għandhom jiġu awtorizzati wkoll skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, sa fejn il-kundizzjonijiet sostantivi tal-Artikolu 6(4) tal-imsemmija direttiva huma sodisfatti, jiġifieri r-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem, inkluża n-natura soċjali jew ekonomika, in-nuqqas ta' soluzzjonijiet alternattivi u ta' miżuri ta' kumpens, biex jiġi żgurat li l-koerenza globali ta' Natura 2000 hija protetta [82].

202. Għal dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti applikabbli għal ġustifikazzjoni, dawn ser jiġu eżaminati fid-dettall fir-risposta għad-domandi segwenti.

c) Ir-risposta għall-għaxar domanda

203. Jeħtieġ għalhekk li r-risposta segwenti għall-għaxar domanda għandha tkun li: qabel il-pubblikazzjoni tar-reġistru tas-SIK, l-Istati Membri kienu marbuta li jieħdu, għal dak li għandu x'jaqsam mas-siti identifikati fir-reġistri nazzjonali tas-SIK u finalment inklużi fir-reġistru Komunitarju, miżuri ta' protezzjoni li huma xierqa biex jiġu ppreżervati l-karatteristiċi ekoloġiċi tal-imsemmija siti [83]. Wara l-pubblikazzjoni tagħhom, l-Istati Membri huma marbuta, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, li jipprevjenu, fis-siti SIK, kontra d-deterjorazzjoni tal-habitats naturali tal-ispeċi, kif ukoll kontra t-tfixkil sinjifikattiv li jolqtu lill-ispeċi, permezz ta' proġetti li l-awtorizzazzjoni tagħhom kienet inbdiet qabel il-pubblikazzjoni, jekk l-eventwali danni fuq dawn is-siti ma humiex iġġustifikati.

80 — Ara s-sentenza Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 74, punt 35) u l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 108).

81 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 110).

82 — Ara l-koklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 111).

83 — Ara l-punt 185 iktar 'il fuq.

2. Fuq il-ħdax-il domanda

204. Permezz tal-ħdax-il domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk, fir-rigward tad-Direttiva dwar l-habitats, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħux jawtorizzaw proġett għad-devjazzjoni tal-ilma, fin-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-għasafar kollha taż-żona kkonċernata.

205. L-amministrazzjoni tal-prefettura ta' Magnisia targumenta ċertament li peress li d-dritt proċedurali tal-Kunsill tal-Istat lanqas ma kien jippermettilha tiddikjara n-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-għasafar, id-domanda hija inammissibbli. Iżda din l-oġġezzjoni ma tistax tintlaqa'. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha żżomm mal-fatti indikati lilha mill-qorti nazzjonali u mhux il-kompitu tagħha li tivverifika jekk il-qorti nazzjonali eċċedietx il-kompetenzi tagħha fir-rigward tad-dritt intern[84].

206. Jeħtieġ għalhekk li tingħata risposta għall-ħdax-il domanda. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats kellha normalment tapplika hawnhekk. Iżda peress li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni ilha għaddejja ħafna, din id-dispożizzjoni mhix applikabbli; l-Artikolu 6(2) ser japplika minflokha.

a) Fuq l-applikabbiltà tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats

207. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-awtorizzazzjoni tal-proġetti u tal-informazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għal dan il-għan, jeħtieġ fil-prinċipju li tiġi applikata l-proċedura ta' evalwazzjoni preliminari tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats. Tali evalwazzjoni għandha tibbaża fuq l-aħjar għarfien li jikkonċerna l-għasafar fiż-żona kkonċernata[85].

208. Kif diġà spjegajt[86], l-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats ċertament li ma tapplikax fir-rigwrad tas-SIK ikkonċernati; iżda din id-dispożizzjoni tista' tkun applikabbli fir-rigward ta' xi ŻPS fis-sens tad-Direttiva dwar l-għasafar, li huma kkonċernati u li diġà ssemmew preċedentement. Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-habitats, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2), (3) u (4) huma applikabbli għal dawn iż-żoni mid-data li fiha d-Direttiva dwar l-habitats bdiet tiġi applikata jew mid-data tal-klassifikazzjoni jew tar-rikonoxximent bħala ŻPS minn Stat Membru.

209. Id-Direttiva dwar l-habitats bdiet tapplika mill-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha fl-1994. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) ma setgħetx għalhekk tapplika qabel din id-data u lanqas iktar tard mid-data tal-identifikazzjoni sussegwenti taż-ŻPS ikkonċernata.

210. Madankollu, il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għal devjazzjoni parzjali tal-Acheloos kienet diġà bdiet qabel l-1994 peress li l-ewwel awtorizzazzjonijiet kienu ngħataw fl-1992. Jekk il-Kunsill tal-Istat ċertament li annulla dawn tal-aħħar, l-istess kif għamel għall-awtorizzazzjonijiet sussegwenti, madankollu, hemm probabbiltà kbira li l-awtorizzazzjoni tal-proġett kienet is-suġġett ta' proċedura mhux interrotta, sad-dispożizzjonijiet tal-Liġi 3481/2006 li llum il-ġurnata hija kkontestata[87].

211. Hemm lok għalhekk li jitqies li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni bdiet qabel il-perijodu tal-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats. Il-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, relatata ma' proċeduri ta' awtorizzazzjoni, mibdija qabel l-emendi sostanzjali li saru fid-dritt proċedurali[88], teskludi għalhekk l-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

84 — Sentenza WWF *et* (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 46, punti 31 sa 33, kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata).

85 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Santa Caterina, C-304/05, Ġabra 2007, p. I-7495, punt 59).

86 — Ara l-punti 188 *et seq* iktar 'il fuq.

87 — Ara l-punt 169 iktar 'il fuq.

88 — Ara l-punti 188 *et seq* iktar 'il fuq.

b) Fuq l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats

212. Kuntrarjament, huwa l-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva dwar l-habitats li huwa applikabbli[89].

213. Fir-rigward taż-żoni ta' konservazzjoni tal-għasafar, il-ħtieġa li tiġi applikata din id-dispożizzjoni hija iktar evidenti milli għaż-żoni protetti abbażi tad-Direttiva dwar l-habitats, jiġifieri għas-SIK. Fil-fatt, iż-żoni ta' konservazzjoni tal-għasafar kellhom jiġu kklassifikati bħala tali, fil-Greċja, mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspoizzjoni tad-Direttiva dwar l-għasafar, fis-6 ta' April 1981[90]. Wara din id-data, anki jekk ma kinux ġew ikklassifikati bħala tali, iż-żoni kkonċernati kienu jibbenefikaw diġà mill-protezzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(4)[91].

214. F'din il-kawża, għandu għaldaqstant jiġi vverifikat jekk il-proġett awtorizzat jiddeterjorax il-habitats tal-għasafar li għalihom iż-ŻPS ġiet ikklassifikata bħala tali jew jekk ifixkilx dawn l-ispeċi b'mod li jista' jkollu effett sinjifikattiv fir-rigward tal-għanijiet tad-direttiva[92].

215. Jekk jiġu stabbiliti tali deterjorazzjonijiet jew tfixkil, ikun meħtieġ barra minn hekk li jiġi vverifikat jekk humiex iġġustifikati fid-dawl tal-kriterji sostantivi tal-Artikoli 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats. Kif diġà enfasizzajt, ġustifikazzjoni tippreżupponi b'mod partikolari bilanċ, it-tiftix għal alternattivi u miżuri ta' kumpens[93].

216. Jekk l-ebda evalwazzjoni formali tal-effetti, skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva dwar l-habitats, ma hija rikjesta, il-marġni ta' manuvra miftuħa lill-Istati Membri għall-implementazzjoni ta' ġustifikazzjoni hija suġġetta għal limiti[94].

217. Fil-fatt il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43 ma jistax japplika ħlief wara li jkunu ġew analizzati l-effetti ta' pjan jew ta' proġett, skont l-Artikolu 6(3) ta' din id-direttiva. Fil-fatt, l-għarfien ta' dawn l-effetti fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni relatati mas-sit inkwistjoni, jikkostitwixxi premessa indispensabbli għall-applikazzjoni tal-imsemmi Artikolu 6(4), peress li fin-nuqqas ta' dawn l-elementi, l-ebda kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni derogatorja ma tkun tista' tiġi evalwata. L-eżami ta' raġunijiet potenzjali imperattivi ta' interess pubbliku suprem u dak tal-eżistenza ta' alternattivi inqas dannużi, jirrikjedu fil-fatt li jiġu bbilanċjati mad-danni fuq is-sit minħabba l-pjan jew proġett ikkonċernat. Barra minn hekk, biex tiġi ddeterminata n-natura ta' miżuri potenzjali għall-kumpens, id-danni fuq is-sit għandhom jiġu identifikati bi preċiżjoni[95].

218. Konsegwentement, anki biex jiġu ġġustifikati l-effetti ħżiena msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, huwa meħtieġ li jiġu eżaminati, b'reqqa u b'imparzjalità, l-elementi kollha rilevanti tal-każ partikolari biex wieħed ikun żgur li huma ta' natura tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnhom[96]. Hawnhekk ukoll, il-bilanċ, l-eżami tal-alternattivi u tal-miżuri għall-kumpens jippreżupponu li l-effetti li jridu jiġu ġġustifikati kienu, preliminarjament, is-suġġett ta' evalwazzjoni xierqa[97].

89 — Ara l-punti 193 *et seq* iktar 'il fuq.

90 — Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-334/04, Ġabra 2007, p. I-9215, punt 32).

91 — Sentenzi tas-7 ta' Diċembru 2000, Il-Kummissjoni vs Franza (Basses Corbières, C-374/98, Ġabra 2000, p. I-10799, punti 47 u 57); tal-20 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-388/05, Ġabra 2007, p. I-7555, punt 18).

92 — Għal dak li għandu x'jaqsam ma' tali eżami, ara s-sentenza Santa Caterina (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85, punti 91 *et seq*), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi tad-19 ta' April 2007 f'din l-istess kawża, punti 61 *et seq*.

93 — Ara l-punti 199 *et seq* iktar 'il fuq.

94 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 112).

95 — Is-sentenza Santa Caterina (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85, punt 83).

96 — Dwar il-kontroll tal-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni (C-326/05 P, Ġabra 2007, p. I-6557, punt 77) u tas-6 ta' Novembru 2008 (Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni, C-405/07 P, Ġabra 2008, p. I-8301, punt 55), kif ukoll il-ġurisprudenza hemmhekk iċċitata.

97 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi Alto Sil (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 39, punt 112).

219. L-effetti ma jistgħux jiġu evalwati jekk mhux abbażi ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-għasafar fiż-żoni kkonċernati. Fin-nuqqas, ikunu biss id-danni ipotetiċi li jidħlu fil-bilanċ, fit-tiftix għal soluzzjonijiet alternattivi u fid-determinazzjoni ta' miżuri għall-kumpens. F'tali każ, ma jkunx jista' jiġi ggarantit li d-danni reali jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni.

c) Risposta għall-ħdax-il domanda

220. Għaldaqstant ir-risposta għall-ħdax-il domanda għandha tkun fis-sens li skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jistgħux jawtorizzaw proġett għad-devjazzjoni tal-ilma li jiddeterjora l-habitats tal-għasafar li ġew ikklassifikati bħala ŻPS, jew li jfixkel dawn l-ispeċi b'mod sinjifikattiv fid-dawl tal-għanijiet tad-direttiva, sakemm dan il-proġett ma jkunx iġġustifkat abbażi ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-għasafar.

3. Fuq it-tnax-il domanda — ir-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem

221. Permezz tat-tnax-il domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk raġunijiet invokati fir-rigward ta' proġett għad-devjazzjoni tal-ilma, li jkunu essenzjalment marbuta mal-irrigazzjoni u anki mal-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb, jistgħux jiġġustifikaw id-danni fuq żona protetta.

222. It-tnax-il domanda tikkonċerna l-ewwel kundizzjoni tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats, jiġifieri r-raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem, inkluża n-natura soċjali jew ekonomika. Kif diġà ġie stabbilit fl-eżami tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma, l-irrigazzjoni u l-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb jistgħu fil-prinċipju jikkostitwixxu tali raġunijiet [98].

223. Iżda skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats, meta s-sit ikkonċernat ikun jospita tip ta' habitat naturali prijoritarju u/jew speċi prijoritarja, ikunu jistgħu jiġu invokati biss kunsiderazzjonijiet marbuta ma' saħħet il-bniedem u mas-sigurtà pubblika jew ma' konsegwenzi li huma ta' benefiċċju primordjali għall-ambjent jew, wara l-opinjoni tal-Kummissjoni, ma' raġunijiet oħra imperattivi ta' interess pubbliku suprem.

224. Tlieta mis-SIK iċċitati fid-digriet tar-rinviju jospitaw speċi jew habitats prijoritarji: "Delta Acheloou, Limnothalassa Mesologgiou-Aitolikou, Ekvoles Evinou, Nisoi Echinades, Nisos Petalas" (GR2310001), "Limnes Trichonida kai Lysimachia" (GR2310008) u "Aspropotamos" (GR1440001) [99].

225. Sa fejn, f'din il-kawża, il-Kummissjoni ma tat l-ebda opinjoni, jidher li t-test tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats jillimita serjament in-numru ta' raġunijiet li jistgħu jiġu invokati. L-irrigazzjoni għalhekk ma tistax tiġi invokata bħala ġustifikazzjoni, sa fejn ma tkunx meħtieġa għal saħħet il-bniedem, għas-sigurtà pubblika, u ma jkollhiex konsegwenzi ta' benefiċċju primordjali għall-ambjent. Għall-kuntrarju, il-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb, tkun kunsiderazzjoni marbuta mas-saħħa umana.

226. Madankollu, ikun inopportun li jiġu imposti dawn ir-rekwiżiti, żviluppati fil-qasam tal-ġustifikazzjoni tal-effetti negattivi, anki meta l-elementi prijoritarji tas-siti kkonċernati ma humiex affettwati. Peress li l-Kummissjoni esprimiet pubblikament din il-perspettiva [100], ma għandhiex għalfejn tagħti opinjoni qabel ma jiġu pretiżi interessi oħra. Huwa l-kompitu tal-Kunsill tal-Istat li jevalwa jekk elementi prijoritarji tas-siti kkonċernati ġewx ikkawżati dannu u għalhekk jekk il-ġustifikazzjoni potenzjali hijiex suġġetta għal kundizzjonijiet iktar stretti.

98 — Ara l-punti 83 *et seq* iktar 'il fuq.

99 — Fid-Deċiżjoni 2006/613, tali siti huma indikati b'asterisk fil-kolonna Ċ.

100 — Ara l-gwida tal-Kummissjoni, *GÉRER LES SITES NATURA 2000 Les dispositions de l'article 6 de la directive habitats (92/43/CEE)*, Il-Lussemburgu 2000, p. 50.

227. Barra minn hekk, ir-raġunijiet li jiġġustifikaw proġett partikolari huma imperattivi u superjuri biss jekk ikollhom iktar piż mill-konsegwenzi negattivi tal-proġett fuq is-siti protetti mid-Direttiva dwar l-habitats [101].

228. Għaldaqstant ir-risposta għat-tnax-il domanda għandha tkun fis-sens li l-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb jikkostitwixxi, fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats, raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem li jiġġustifikaw proġett għad-devjazzjoni tal-ilmijiet meta dawn ikunu iprem mill-konsegwenzi negattivi tal-proġett, fuq is-siti protetti mid-direttiva. Jekk madankollu ikun hemm habitats prijoritarji jew speċi prijoritarji li huma affettwati, fin-nuqqas ta' opinjoni tal-Kummissjoni, hija biss il-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb li tista' titqies bħala ġustifikazzjoni.

4. Fuq it-tlettax-il domanda — il-miżuri li jiggarantixxu l-koerenza globali ta' Natura 2000

229. Permezz tat-tlettax-il domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk, biex ikun jista' jiddetermina miżuri ta' kumpens li huma adegwati, iridx jieħu inkunsiderazzjoni l-portata u d-dimensjoni tax-xogħlijiet li timplika din id-devjazzjoni.

230. Din id-domanda tikkonċerna t-tielet kundizzjoni applikabbli skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats, biex jiġu ġġustifikati d-danni fuq is-siti protetti, jiġifieri l-miżuri ta' kumpens li huma meħtieġa biex jiġi żgurat li, minkejja l-effett, il-koerenza globali ta' Natura 2000 hija mħarsa. F'dan ir-rigward, kuntrarjament għall-metodu użat fit-tlettax u l-erbatax-il domanda, il-kwistjoni mhix waħda ta' koerenza taż-żoni iżolati iżda ta' koerenza tan-netwerk taż-żoni protetti.

231. Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar l-habitats, Natura 2000 huwa netwerk ekoloġiku Ewropew ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni. Dan in-netwerk huwa fformat minn siti li jospitaw tipi ta' habitats naturali li jidhru fl-Anness I u minn habitats ta' speċi li jidhru fl-Anness II, kif ukoll minn ŻPS favur għasafar elenkati fl-Anness I tad-Direttiva dwar l-għasafar u għasafar li jemigraw u li r-ritorn tagħhom huwa regolari. Natura 2000 għandu jiżgura l-konservazzjoni jew, jekk ikun il-każ, għandu jistabbilixxi mill-ġdid, fi stat favorevoli ta' konservazzjoni, tipi ta' habitats naturali u habitats ta' speċi kkonċernati fl-ispazju diviż naturali tagħhom [102].

232. Il-miżuri meħtieġa ma jistgħux jiġu identifikati ħlief b'rabta mad-danni kkawżati lis-sit ikkonċernat. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw liema kontribuzzjoni tas-sit iddeterjorat ġiet ikkawżata dannu lil Natura 2000 minħabba l-proġett, u kif din it-telfa tista' tiġi kkumpensata b'mod li tinżamm, skont l-analiżi, il-koerenza tan-netwerk [103].

233. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà enfasizzat li d-danni fuq is-sit għandhom jiġu identifikati bi preċiżjoni biex tkun tista' tiġi identifikata n-natura tal-miżuri potenzjali għall-kumpens [104]. Konsegwentement, ikun meħtieġ, biex jiġu ddeterminati l-miżuri ta' kumpens, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-portata tad-devjazzjoni tal-Acheloos u d-dimensjoni tax-xogħlijiet li timplika din id-devjazzjoni, sa fejn dawn jaffettwaw iż-żoni protetti.

234. Għaldaqstant ir-risposta għat-tlettax-il domanda għandha tkun kif ġej: sabiex jiġu ddeterminati l-miżuri ta' kumpens meħtieġa, fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats, biex jiġi żgurat li l-koerenza globali ta' Natura 2000 titħares, jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-portata tad-devjazzjoni tax-xmara u d-dimensjoni tax-xogħlijiet li timplika din id-devjazzjoni, sa fejn dawn jaffettwaw żoni protetti.

101 — Sentenza Santa Caterina (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85).

102 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi tas-27 ta' Ottubru 2005 fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (Lauteracher Ried, C-209/04, Ġabra 2006, p. I-2755, punt 83).

103 — Ara l-konklużjonijiet tiegħi Lauteracher Ried (iċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 102, punt 84).

104 — Is-sentenza Santa Caterina (iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 85).

5. Fuq l-erbatax-il domanda — it-trasformazzjoni tal-ekosistema naturali tax-xmara

235. Permezz tal-erbatax-il domanda, il-Kunsill tal-Istat jixtieq ikun jaf jekk id-Direttiva dwar l-habitats, interpretata fid-dawl tal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli, kif misjub fl-Artikolu 6 KE (li sar l-Artikolu 11 TFUE), tawtorizzax it-trasformazzjoni ta' ekosistema naturali tax-xmara, f'ekosistema tax-xmara u tal-lag maħluqa mill-bniedem.

236. Huwa wisq probabbli li t-trasformazzjoni ta' ekosistema naturali tax-xmara f'ekosistema tax-xmara u tal-lag maħluqa mill-bniedem, jiġifieri f'sekwenza ta' lagi artifiċjali, tiddeterjora, fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar l-habitats, il-habitats protetti eżistenti. Jeħtieġ li dan jiġi vverifikat fid-dettall għal kull wieħed mill-għanijiet ta' konservazzjoni.

237. Madankollu, id-deterjorazzjoni potenzjali ma tfissirx li l-proġett ikkontestat ta' devjazzjoni huwa, fi kwalunkwe każ, illegali. Fil-fatt ikun jista' jiġi ġġustifikat abbażi tal-kriterji tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats.

238. Fil-proċess ta' din il-ġustifikazzjoni — jiġifieri l-evalwazzjoni ta' raġunijiet ta' interess ġenerali, tad-danni u tas-soluzzjonijiet alternattivi — huwa meħtieġ li jiġi osservat il-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli. Jekk il-proġett ma jistax jilħaq jew ma jistax iwettaq kompletament l-għanijiet b'mod sostenibbli, l-importanza ta' dawn l-għanijiet titnaqqas fil-kuntest tal-bilanċ. Bl-istess mod, id-danni li huma biss provviżorji ikollhom inqas piż mid-danni iktar permanenti.

239. Għalhekk ir-risposta għall-erbatax-il domanda għandha tkun fis-sens li proġett għad-devjazzjoni tal-ilmijiet fi ħdan sit Natura 2000 li jittrasforma ekosistema naturali tax-xmara f'ekosistema tax-xmara u tal-lag maħluqa mill-bniedem, tista' tiġi awtorizzata, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-habitats huma sodisfatti.

## V – Konklużjoni

240. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għat-talba għal deċiżjoni preliminari:

1. Ċertament, l-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva 2000/60/KE li jistabbilixxu qafas għal politika Komunitarja fil-qasam tal-ilma ma jistabbilixxu l-ebda terminu għall-implementazzjoni tal-Artikolu 4 tad-direttiva iżda biss terminu massimu biex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' ġestjoni u programmi ta' miżuri; iżda qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu, id-direttiva ma timponix l-implementazzjoni tal-Artikolu 4.

2. Dispożizzjoni nazzjonali adottata fit-terminu speċjali stabbilit għat-tħejjija tal-pjanijiet ta' ġestjoni u tal-programmi ta' miżuri, li tawtorizza t-trasferiment tal-ilma minn baċin tax-xmara għal ieħor, tikkomprometti serjament l-għanijiet tad-Direttiva 2000/60/KE meta din id-devjazzjoni tiġġenera stat ta' ilmijiet li huwa inkompatibbli, b'mod dejjiemi u mhux negliġibbli, mal-Artikolu 4 tad-direttiva. F'dan ir-rigward, ġustifikazzjoni abbażi ta' interessi ġenerali supremi, hija wkoll possibbli fil-kuntest tal-effetti antiċipati tal-Artikolu 4; jekk il-pjanijiet ta' ġestjoni ma humiex rikjesti, id-dispożizzjoni nazzjonali għandha madankollu tkun ġiet adottata abbażi ta' informazzjoni suffiċjenti.

3. Il-fatt tal-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni mingħajr ma ssir il-konsultazzjoni rikjesta tal-pubbliku huwa inkompatibbli mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/60/KE.

4. Studju dwar l-effetti ambjentali mressaq għall-approvazzjoni quddiem il-parlament nazzjonali, wara l-annullament, permezz ta' sentenza, tal-att amministrattiv li jkun diġà approvah, jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (fil-verżjoni tagħha kif emendata permezz

tad-Direttiva 2003/35/KE li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent) meta, fl-ewwel lok, kien iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-leġiżlatur l-informazzjoni meħtieġa — li hija, jiġifieri, suffiċjentement reċenti u kompleta — meħtieġa għall-proċedura tad-direttiva u fit-tieni lok, il-leġiżlatur kien f'pożizzjoni, fuq din il-bażi, li jevalwa konkretament l-effetti ambjentali tal-proġett u jiddiskuti dwarhom.

5. Pjanijiet ta' ġestjoni fis-sens tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE għandhom fil-prinċipju jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni ambjentali skont id-Direttiva 2001/42/KE dwar l-evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent.

6. Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2001/42/KE, la l-atti li jawtorizzaw proġett iżolat għad-devjazzjoni ta' xmara, li ġew annullati retroattivament minn deċiżjonijiet ġudizzjarji u lanqas il-bidu ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni korrispondenti, ma jistgħu jitqiesu bħala atti preparatorji formali tal-pjanijiet ta' ġestjoni għad-distretti idrografiċi, fis-sens tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma. Madankollu jistgħu jitqiesu bħala atti preparatorji ta' pjan — suġġett għall-evalwazzjoni — għad-devjazzjoni ta' xmara, sakemm il-proċedura ta' awtorizzazzjoni twettqet mingħajr interruzzjoni.

7. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2001/42/KE meta proġett jaqa' simultanjament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva u ta' dak tad-Direttiva 2000/60/KE, kif ukoll ta' dak tad-Direttiva EIA, li jimponu wkoll l-evalwazzjoni tal-effetti ambjentali tal-proġett, mhux meħtieġ li ssir evalwazzjoni ambjentali strateġika distinta, meta l-evalwazzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva EIA jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2001/42/KE, kemm sostantivament kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam mal-proċedura segwita.

8. Qabel il-pubblikazzjoni tar-reġistru Komunitarju ta' siti ta' importanza Komunitarja (SIK), l-Istati Membri kienu marbuta li jieħdu, għal dak li għandu x'jaqsam mas-siti identifikati fir-reġistri nazzjonali tas-SIK u finalment inklużi fir-reġistru Komunitarju, miżuri ta' protezzjoni xierqa biex jikkonservaw il-karatteristiċi ekoloġiċi tal-imsemmija siti. Wara l-pubblikazzjoni tiegħu, l-Istati Membri huma marbuta, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, jipprevjenu, fis-SIK, id-deterjorazzjoni tal-habitats naturali u tal-habitats tal-ispeċi, kif ukoll it-tfixkil sinjifikattiv li jolqtu lill-ispeċi, permezz ta' proġetti li l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tagħhom kienet inbdiet qabel il-pubblikazzjoni, sakemm l-eventwali danni fuq is-sit ma jistgħux jiġu ġġustifikati.

9. Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 92/43/KEE, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ma jistgħux jawtorizzaw proġett għad-devjazzjoni tal-ilma li jiddeterjora l-habitats tal-għasafar li għalihom iż-żona ta' protezzjoni speċjali ġiet ikklassifikata bħala tali, jew ifixklu dawn l-ispeċi b'mod sinjifikattiv fid-dawl tal-għanijiet tad-direttiva, ħlief jekk dan il-proġett huwa ġġustifikat abbażi ta' informazzjoni affidabbli u aġġornata dwar l-għasafar fiż-żona affettwata.

10. Kemm l-irrigazzjoni kif ukoll il-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb jikkostitwixxu, fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE, raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku suprem li jiġġustifikaw proġett għad-devjazzjoni tal-ilmijiet, meta dawn jipprevalu fuq il-konsegwenzi negattivi tal-proġett fuq is-siti protetti mid-direttiva. Jekk madankollu jiġu affettwati habitats prijoritarji jew speċi prijoritarji, fin-nuqqas ta' opinjoni tal-Kummisjoni, hija biss il-provvista ta' ilma li huwa tajjeb għax-xorb li tista' tiġi ġġustifikata.

11. Biex jiġu ddeterminati l-miżuri ta' kumpens meħtieġa, fis-sens tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE biex jiġi żgurat li l-koerenza globali ta' Natura 2000 hija protetta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-portata tad-devjazzjoni tax-xmara u d-dimensjoni tax-xogħlijiet li din id-devjazzjoni timplika, sa fejn dawn jaffettwaw iż-żoni Natura 2000 protetti.

12. Proġett għad-devjazzjoni tal-ilmijiet fi ħdan sit Natura 2000 li jkollu l-effett li jittrasforma ekosistema naturali tax-xmara f'ekosistema tax-xmara u tal-lag maħluqa mill-bniedem jista' jiġi awtorizzat, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE jiġu sodisfatti.